2024/2223

10.10.2024

RIŻOLUZZJONI (UE) 2024/2223 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-11 ta' April 2024

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100, l-Artikolu 104(3) u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0067/2024),

A. billi, fiċ-ċertifikazzjoni tiegħu tal-kontijiet finali, l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Parlament Ewropew (il-"Parlament") iddikjara l-aċċertament raġonevoli tiegħu li l-kontijiet, fl-aspetti materjali kollha, jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u l-fluss tal-flus tal-Parlament;

B. billi, f'konformità mal-proċedura tas-soltu, intbagħtu 60 mistoqsija lill-amministrazzjoni tal-Parlament u t-tweġibiet bil-miktub waslu u ġew diskussi pubblikament mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament fl-4 ta' Diċembru 2023, fil-preżenza tas-Segretarju Ġenerali, id-direttur tal-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej (l-"Awtorità") u l-Awditur Intern;

C. billi dejjem hemm lok għal titjib f'termini kemm ta' kwalità, effiċjenza u effikaċja, kif ukoll ta' trasparenza fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; billi l-iskrutinju bir-reqqa huwa imperattiv biex jiġi żgurat li t-tmexxija politika u l-amministrazzjoni tal-Parlament jagħtu rendikont ta' għemilhom liċ-ċittadini tal-Unjoni; billi l-integrità tal-Parlament hija ta' importanza kbira għall-funzjonament tad-demokrazija Ewropea u żżid il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet Ewropej;

D. billi l-indħil barrani, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u d-diżinformazzjoni jikkostitwixxu ksur serju tal-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni; billi l-Kumitat Speċjali tal-Parlament dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni, inkluża d-diżinformazzjoni (INGE), maħluq f'Ġunju 2022, kixef fid-dettall l-isforzi u l-operazzjonijiet immexxija minn pajjiżi terzi biex jinfiltraw u jindaħlu fid-demokraziji Ewropej u fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni u biex jinfluwenzawhom;

E. billi allegatament Membri tħallsu biex jippromwovu l-propaganda Russa;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Parlament

1. Jinnota li l-approprjazzjonijiet finali tal-Parlament għall-2022 ammontaw għal EUR 2 161 miljun, jew 19,55 % tal-Intestatura 7 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali ([1]) allokati għan-nefqa amministrattiva għall-2022 tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fit-totalità tagħhom, u li jirrappreżentaw żieda ta' 4,76 % meta mqabbla mal-baġit tal-2021 (EUR 2 064 miljun);

2. Jinnota li d-dħul totali mdaħħal fil-kontijiet fil-31 ta' Diċembru 2022 kien ta' EUR 250 473 772 (meta mqabbel ma' EUR 215 332 108 fl-2021); jinnota li d-dħul assenjat li sar disponibbli fl-2022 kien jammonta għal EUR 61 267 620 (meta mqabbel ma' EUR 37 150 962 fl-2021);

3. Jenfasizza li ħames kapitoli kienu jirrappreżentaw 76,5 % tal-impenji totali: il-Kapitolu 1 0 "Membri tal-Istituzzjoni"; il-Kapitolu 1 2 "Uffiċjali u persunal temporanju"; il-Kapitolu 1 4 "Persunal ieħor u servizzi esterni"; il-Kapitolu 2 0 "Bini u nefqiet relatati"; u l-Kapitolu 4 2 "Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari";

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

4. Jinnota ċ-ċifri li abbażi tagħhom ingħalqu l-kontijiet tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2022, jiġifieri:

(a)	**Approprjazzjonijiet disponibbli (EUR)**	
	approprjazzjonijiet għall-2022:	2 161 651 286,00
	riporti mhux awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2021:	22 007 230,00
	riporti awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2021:	380 099 194,75
	approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għal dħul assenjat għall-2022:	61 267 620,37
	riporti li jikkorrispondu għal dħul assenjat mill-2021:	39 603 266,73
	Total:	2 664 628 597,85
(b)	**Użu ta' approprjazzjonijiet fis-sena finanzjarja 2022 (EUR)**	
	impenji:	2 607 456 700,15
	pagamenti li saru:	2 186 635 235,75
	approprjazzjonijiet riportati awtomatikament inklużi dawk li ġejjin minn dħul assenjat:	428 826 276,81
	approprjazzjonijiet riportati mhux awtomatikament:	0
	approprjazzjonijiet ikkanċellati:	49 167 085,50
(c)	**Dħul tal-baġit (EUR)**	
	riċevut fl-2022:	250 473 772,00
(d)	**Il-karta tal-bilanċ totali fil-31 ta' Diċembru 2022 (EUR)**	1 735 834 446,00

5. Jinnota li 21 trasferiment ġew approvati mill-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament ("trasferimenti C"), f'konformità mal-Artikoli 31 u 49 tar-Regolament Finanzjarju, fis-sena finanzjarja 2022, li jammontaw għal EUR 88 449 115 jew 4,09 % tal-approprjazzjonijiet finali; jinnota li l-President awtorizzat 11-il trasferiment ("trasferimenti P") li jammontaw għal EUR 34 246 879 jew 1,6 % tal-baġit tal-2022; jistaqsi bejn liema linji baġitarji seħħew dawn it-trasferimenti P; jistieden lill-presidenza tinforma lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit b'mod proattiv dwar l-ammonti u l-linji baġitarji kkonċernati;

6. Jinnota li huwa stmat li l-pandemija tal-COVID-19 iġġenerat surplus moderat ta' EUR 16 417 325, li ġie ttrasferit minn entrati bħal dawk relatati mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-organizzazzjoni u l-akkoljenza ta' gruppi ta' viżitaturi, l-operat taċ-ċentri tal-viżitaturi tal-Parlament, it-taħriġ wiċċ imb wiċċ estern, id-dokumentazzjoni/il-pubblikazzjonijiet u l-assistenti parlamentari lokali u t-trainees għall-Membri; josserva li fl-istess ħin, il-pandemija tal-COVID-19 għamlitha neċessarja li jissaħħu linji baġitarji oħra b'total ta' EUR 7 549 000; jenfasizza li dawk il-linji huma prinċipalment relatati mal-għoti ta' appoġġ finanzjarju lill-persunal li jaħdem mid-dar, is-saħħa u l-prevenzjoni, u n-nefqa addizzjonali fuq l-interpretazzjoni biex jiġi appoġġjat it-telexogħol u l-laqgħat multilingwi mill-bogħod u ibridi;

7. Jinnota l-fatt li l-2022 kienet sena ta' tranżizzjoni għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inkluż il-Parlament; jinnota li l-miżuri introdotti bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19 twaqqfu sa Ġunju 2022; jilqa' l-isforzi tad-DĠ kollha u tas-Segretarju Ġenerali biex jistabbilixxu l-għodod meħtieġa ħalli jerġgħu jibdew il-ħidma parlamentari sabiex tiffunzjona bl-istess mod kif għamlet qabel il-pandemija tal-COVID-19; jilqa' t-tkomplija b'suċċess tas-sessjonijiet plenarji bi preżenza minn Marzu 2022; jirrimarka li dan segwa perjodu ta' sentejn li matulu kellhom isiru aktar minn 12 000 operazzjoni ta' votazzjoni mill-bogħod fuq mhux anqas minn 175 sessjoni ta' votazzjoni, mifruxa fuq 30 sessjoni parzjali;

8. Jinnota li l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-livell eċċezzjonalment għoli tal-inflazzjoni, li sal-aħħar tas-sena 2022 xorta kien ta' 10,4 % għall-Unjoni fuq bażi annwali, kellhom influwenza profonda fuq is-sena finanzjarja 2022; jirrikonoxxi li l-amministrazzjoni tal-Parlament għamlet sforz konsiderevoli fl-implimentazzjoni tal-baġit bil-għan li tissodisfa l-ħtiġijiet urġenti li jirriżultaw mis-sitwazzjoni ta' kriżi; jilqa' d-donazzjonijiet ta' tagħmir tekniku mill-Parlament biex jappoġġja lill-Ukrajna fi żminijiet diffiċli ta' gwerra;

Opinjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet għall-2022 u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet

9. Ifakkar li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-"Qorti") twettaq valutazzjoni speċifika tan-nefqa amministrattiva u ta' nefqa oħra bħala grupp ta' politiki uniku għall-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni; jenfasizza li n-nefqa amministrattiva tinkludi nefqa fuq ir-riżorsi umani inklużi l-pensjonijiet, li fl-2022 kienu jammontaw għal madwar 70 % tan-nefqa amministrattiva totali, u fuq bini, tagħmir, enerġija, komunikazzjonijiet u teknoloġija tal-informazzjoni; jenfasizza li l-ħidma tal-Qorti fuq ħafna snin tindika li, kumplessivament, dan l-infiq huwa ta' riskju baxx;

10. Jinnota li l-Intestatura 7 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali "Amministrazzjoni pubblika Ewropea" tirrappreżenta EUR 11,6-il biljun jew 5,9 % tal-baġit tal-Unjoni fl-2022, li minnhom EUR 2,2 biljun jew 18,9 % huma destinati għall-Parlament; jilqa' l-fatt li l-Qorti sabet li l-livell ta' żball fl-infiq fuq l-"Amministrazzjoni pubblika Ewropea" ma kienx materjali; jistieden lill-Parlament jivverifika u jidentifika liema tip ta' tranżazzjonijiet kellhom sehem għoli ta' żbalji, għalkemm taħt il-livell limitu ta' materjalità u jesplora l-bidliet fil-proċedura meħtieġa biex jiġu evitati u identifikati żbalji simili fil-futur;

11. Jinnota li r-rapport annwali tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit li jikkonċerna s-sena finanzjarja 2022 jippreżenta sejbiet speċifiċi dwar il-Parlament; jinnota r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-amministrazzjoni tal-Parlament issaħħaħ il-gwida tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-baġit mill-gruppi politiċi u li tkompli taħdem biex ittejjeb ir-regoli interni u tiżgura l-konformità mar-regoli u l-proċeduri tal-akkwist;

12. Jinnota li l-Qorti għażlet kampjun ta' 13-il tranżazzjoni għall-Parlament, u li sabet żbalji kwantifikabbli fi tlieta minnhom; jinnota li l-akkwist kien waħda mill-kwistjonijiet imqajma mill-Qorti; jenfasizza li sejba ta' dan it-tip tqajmet ukoll fil-passat;

13. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti fir-rigward tar-regoli interni tal-Parlament; ifakkar li l-gruppi politiċi jimmaniġġjaw il-fondi allokati lilhom skont il-prinċipji tal-ġestjoni indiretta tal-fondi b'applikazzjoni analoġika tal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju; iqis li dawn ir-regoli nfushom jissostitwixxu l-"ftehimiet ta' kontribuzzjoni" (kif imsemmi fl-Artikolu 155(6) tar-Regolament Finanzjarju);

14. Ifakkar, li skont ir-regoli interni tal-Parlament, il-gruppi politiċi jridu jagħtu rendikont ta' għemilhom lill-istituzzjoni għall-ġestjoni tal-approprjazzjonijiet, fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilhom mill-Bureau; jinnota li l-approprjazzjonijiet għandhom jiġu ġestiti f'konformità ma' dawn ir-regoli u għandha tittieħed azzjoni xierqa biex jiġi pprevenut kwalunkwe nuqqas ta' konformità;

15. Il-gruppi politiċi jirċievu assistenza u pariri mill-Parlament meta jitolbuhom; jinnota li fl-2022 id-dipartimenti finanzjarji tal-gruppi politiċi intensifikaw il-firem tagħhom mad-delegazzjonijiet nazzjonali sabiex jiżguraw il-ġestjoni tajba tal-approprjazzjonijiet fil-linja baġitarja 4 0 0;

16. Jilqa' l-impenn tal-amministrazzjoni li żżid il-gwida għall-gruppi politiċi dwar l-implimentazzjoni xierqa tar-regoli interni tal-Parlament u tgħinhom bil-għan li jtejbu l-ġestjoni finanzjarja interna tagħhom; jilqa' l-fatt li se tkompli tiċċara l-linji gwida dwar l-akkwist mill-gruppi politiċi;

Rapport annwali tal-Awditur Intern

17. Jinnota li, fil-laqgħa bejn il-kumitat responsabbli u l-awditur intern li saret fl-4 ta' Diċembru 2023, l-awditur intern ippreżenta r-rapport annwali tiegħu u ddeskriva l-awditi ta' aċċertament li wettaq u s-servizzi ta' konsultazzjoni li pprovda u rrapporta dwar l-eżitu tas-sitwazzjoni attwali, li fl-2022 kopriet segwitu trażversali ta' azzjonijiet miftuħa minn rapporti ta' awditjar intern, awditu ta' missjonijiet tal-persunal, rieżami tal-qafas ta' ġestjoni tar-riskju tal-Parlament, awditu tal-proċess ta' akkwist fid- Direttorat Ġenerali għall-Infrastruttura u l-Loġistika (DĠ INLO), awditu tax-xiri u l-użu ta' tagħmir u servizzi ta' sigurtà fid-Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni (DĠ SAFE), awditu tal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej — it-tieni assenjazzjoni, u rieżami perjodiku tal-proġett ta' bini ta' ADENAUER 2 — Faża 3 (tlestija tal-Parti tal-Lvant);

18. Jilqa' u jappoġġja l-azzjonijiet li l-awditur intern qabel mad-direttorati ġenerali responsabbli, bħala riżultat tal-missjonijiet ta' aċċertament fir-rigward tal-awditjar tal-missjonijiet tal-persunal, fir-rigward tar-rieżami tal-qafas ta' ġestjoni tar-riskju tal-Parlament, u fir-rigward tal-awditjar tal-proċess ta' akkwist fid-DĠ INLO;

19. Jinnota l-kompiti ta' aċċertament li għalihom bħalissa qed jitħejjew konklużjonijiet preliminari jew li għalihom il-ħidma fuq il-post għadha għaddejja, u li bħalissa qed isegwu l-proċess previst mill-karta tal-awditur intern;

20. Jinnota li l-proċess ta' segwitu tal-2022 irriżulta fl-għeluq ta' 38 azzjoni mit-92 miftuħa u li għalihom id-dati ta' skadenza miftiehma għall-implimentazzjoni kienu skadew; jinsab imħasseb dwar il-fatt li fil-31 ta' Diċembru 2022, 29 azzjoni miftuħa kienu ilhom pendenti għal aktar minn 12-il xahar; jistenna li d-direttorati ġenerali differenti jiżguraw li l-azzjonijiet li fadal jingħalqu mingħajr aktar dewmien u li l-azzjonijiet miftiehma jiġu implimentati f'konformità mad-dati ta' skadenza stabbiliti fir-rapport annwali tal-awditur intern;

21. Jirrikonoxxi li, f'konformità mal-Artikolu 118(9) tar-Regolament Finanzjarju, ir-rapporti u s-sejbiet tal-awditur intern, kif ukoll ir-rapport tal-istituzzjoni kkonċernata tal-Unjoni, għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku malli l-awditur intern ikun ivvalida l-azzjoni meħuda għall-implimentazzjoni tagħhom; jinnota li, fil-prattika, ir-rapporti u s-sejbiet jiġu ppubblikati biss ladarba r-rakkomandazzjonijiet kollha jkunu ġew implimentati u dan jirriżulta f'dewmien de facto tal-pubblikazzjoni għal diversi snin; jistieden lill-Bureau jagħmel kull rapport tal-awditjar intern disponibbli għall-pubbliku sena wara l-finalizzazzjoni tiegħu, hekk kif l-awditur intern ikun ivvalida l-azzjonijiet meħuda biex tiġi implimentata r-rakkomandazzjoni tas-sena preċedenti; ifakkar li l-Membri jista' jkollhom aċċess biss għad-dokumenti kunfidenzjali skont ir-regoli tal-Bureau abbażi tal-ħtieġa ta' tagħrif; ifakkar li l-Membri kollha tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit għandhom id-dritt li jitolbu aċċess kunfidenzjali għar-rapport ta' awditjar intern fir-rigward tal-proċedura ta' kwittanza; jilqa' l-fatt li l-awditur intern jirrapporta lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit dwar l-attivitajiet annwali tal-awditjar imwettqa;

22. Jinnota li bħala konsegwenza ta' pożizzjoni li baqgħet vakanti matul is-sena, prevista għal awditur tas-sistemi tal-informazzjoni, fl-2022 kien hemm awditu ppjanat wieħed fil-qasam tal-IT (dwar l-għarfien tal-persunal dwar iċ-ċibersigurtà) li ma setax jitwettaq; jinnota d-diffikultà biex jinstabu profili speċifiċi tal-persunal tal-awditjar, inkluż fil-qasam tal-IT, biex jitwettqu l-awditi kif ippjanat skont ir-rekwiżiti tagħhom; jistieden lis-Servizz tal-Awditjar Intern jindirizza l-kwistjoni sabiex jiżgura t-tlestija tal-awditjar li fadal fil-ħin għaċ-ċiklu ta' kwittanza li jmiss;

23. Jilqa' l-fatt li s-Servizz tal-Awditjar Intern, permezz tal-programm tiegħu ta' aċċertament tal-kwalità u titjib tal-2022, kompla jfittex it-titjib tal-attività tiegħu fl-għoti ta' aċċertament oġġettiv lill-awtoritajiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tas-sorveljanza, lill-uffiċjali awtorizzanti u lill-maniġment; jieħu nota li l-awditur intern iddikjara li ma rċieva istruzzjonijiet jew gwida minn ebda sors, li tkun tali li tikkomprometti l-indipendenza tiegħu;

Segwitu għar-riżoluzzjoni dwar il-kwittanza għall-2021

24. Jinnota t-tweġibiet bil-miktub għar-riżoluzzjoni dwar il-kwittanza għall-2021 mogħtija lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament fit-13 ta' Settembru 2023, il-preżentazzjoni mis-Segretarju Ġenerali li tindirizza l-kwistjonijiet fir-riżoluzzjoni tal-Parlament dwar il-kwittanza għall-2021 u l-iskambju ta' fehmiet mal-Membri li segwa;

25. Ifakkar li ladarba l-Plenarja titlob li l-Parlament jimplimenta regoli jew miżuri differenti, il-Bureau għandu jiddiskuti u jieħu votazzjoni dwar ir-regoli jew il-miżuri proposti; ifakkar, fid-dawl tal-Artikolu 25 tar-Regoli ta' Proċedura, li l-Bureau huwa responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet finanzjarji, organizzattivi u amministrattivi li jikkonċernaw lill-Membri; ifakkar li l-Bureau huwa magħmul mill-President tal-Parlament Ewropew, l-14-il Viċi President u l-ħames Kwesturi (membri mingħajr vot) eletti demokratikament mill-Parlament; jinnota, li l-membri tal-Bureau jiddeliberaw fuq l-abbozzi tal-estimi tal-Parlament; ifakkar li l-kwittanza hija eżerċizzju ta' skrutinju demokratiku u li t-talbiet konkreti adottati mill-Plenarja fir-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza għandhom jiġu riflessi fid-diskussjonijiet tal-Bureau;

26. Jinsab konxju mill-fatt li mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020 u sat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet sanitarji fil-bidu tal-2022, id-deliberazzjonijiet tal-Bureau kienu ffokati primarjament fuq deċiżjonijiet li għandhom l-għan li jipproteġu l-integrità tal-Membri u tal-persunal filwaqt li jiżguraw il-kontinwità tal-operat u jimplimentaw miżuri prattiċi ta' solidarjetà vis-à-vis it-tliet Stati Membri ospitanti tal-Parlament;

Direttorat Ġenerali għall-Presidenza

27. Ifakkar li d-Direttorat Ġenerali għall-Presidenza (DĠ PRES) jipprovdi għarfien espert u jagħevola l-ħidma leġiżlattiva u parlamentari tal-President, tal-korpi ta' tmexxija tal-Plenarja u tal-Parlament u tal-Membri f'kull stadju tal-proċess parlamentari u leġiżlattiv; ifakkar li huwa responsabbli wkoll għar-relazzjonijiet interistituzzjonali, għall-appoġġ tal-protokoll għal żjarat u avvenimenti uffiċjali sponsorjati mill-President, għall-ġestjoni ta' informazzjoni kklassifikata tal-Unjoni, u għall-ġestjoni ta' posta uffiċjali u rreġistrata, u li kien responsabbli għar-relazzjonijiet interparlamentari sa Novembru 2022; jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2022, kien hemm 364 membru tal-persunal, li 307 minnhom kienu uffiċjali, 19 kienu aġenti temporanju, 37 kienu aġenti kuntrattwali u 1 kien membru tal-persunal ta' aġenzija;

28. Jinnota li fl-2022 l-approprjazzjonijiet finali tad-DĠ PRES ammontaw għal EUR 1 275 565, u dan jirrappreżenta 0,1 % tal-baġit tal-Parlament; jenfasizza li, minn dak l-ammont, ġie impenjat total ta' EUR 1 169 055,78; jilqa' l-użu għoli tal-approprjazzjonijiet;

29. Jilqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tad-diversi komponenti tal-programm eLegislate bl-użu tat-teknoloġija XML għal abbozzar aktar malajr u aktar faċli kemm tal-emendi għall-proposti leġiżlattivi kif ukoll tad-dokumenti preparatorji għan-negozjati leġiżlattivi interistituzzjonali; jistieden lid-diversi servizzi involuti jkomplu jintensifikaw l-isforzi tagħhom u jiżguraw li l-passi kollha fil-proċess leġiżlattiv parlamentari jkunu megħjuna mill-għodod tal-eLegislate mill-bidu tal-proċess leġiżlattiv fl-għaxar leġiżlatura;

30. Jisħaq li t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-integrità huma prinċipji etiċi essenzjali fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u b'mod partikolari l-Parlament bħala d-dar tad-demokrazija Ewropea; jilqa' l-azzjonijiet fil-pront meħuda mill-Parlament rigward l-avvenimenti relatati mal-allegati każijiet ta' korruzzjoni li jikkonċernaw il-Membri u l-impjegati f'Diċembru 2022; jilqa' l-kontribut tad-DĠ PRES għall-pjan ta' azzjoni b'14-il punt propost mill-President u l-isforzi tiegħu fl-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda dwar l-integrità u t-trasparenza; jilqa' wkoll l-isforzi mill-awtoritajiet politiċi tal-Parlament biex itejbu t-trasparenza, l-integrità u l-obbligu ta' rendikont fil-Parlament; jistieden lill-amministrazzjoni ssegwi l-impatt baġitarju u finanzjarju ta' dawn il-miżuri; jinnota li l-Parlament jikkonferma mill-ġdid il-fiduċja fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni billi tejjeb it-trasparenza, l-etika u l-kondotta tajba fl-aktar istituzzjoni rappreżentattiva tal-Unjoni permezz tal-azzjonijiet tiegħu; ifakkar li dawn l-avvenimenti huma magħrufa b'mod komuni bħala l-Qatargate;

31. Jinnota li l-2022 immarkat l-ewwel sena tal-implimentazzjoni sħiħa tar-reġistru tat-trasparenza obbligatorju skont il-Ftehim Interistituzzjonali (FII) rivedut, adottat f'Lulju 2021 ([2]) mill-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill; jinnota li filwaqt li jintroduċi xi prinċipji biex issaħħaħ kultura komuni ta' trasparenza, il-FII jħalli f'idejn it-tliet firmatarji biex jimplimentaw il-kundizzjonalità u l-miżuri komplementari sussegwenti kif jaraw xieraq; jirrimarka li l-Parlament tejjeb il-kundizzjonalità filwaqt li l-parteċipazzjoni tal-Kunsill għadha limitata;

32. Ifakkar fis-sinifikat ta' dan ir-reġistru bħala strument kruċjali fit-trawwim ta' rappreżentanza trasparenti u etika tal-interessi fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jistabbilixxi reġistrazzjoni obbligatorja bħala prerekwiżit għar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess biex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom f'attivitajiet speċifiċi mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inkluż il-Parlament; jitlob li jiġu pprovduti r-riżorsi kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li r-regoli interni relatati mar-reġistru tat-trasparenza jiġu infurzati b'mod effettiv, inkluż, meta dan ikun xieraq, bl-impożizzjoni ta' sanzjonijiet adegwati;

33. Jilqa' ż-żieda fl-użu tar-reġistru tat-trasparenza bħala għodda ta' informazzjoni u ta' referenza għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi fil-livell tal-Unjoni, murija biż-żieda fl-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u ż-żieda fl-għadd ta' żjarat fis-sit web sena wara sena; jilqa' l-attivitajiet ta' komunikazzjoni regolari, helpdesk u sensibilizzazzjoni mwettqa mis-Segretarjat fost il-partijiet ikkonċernati kemm fl-istituzzjonijiet kif ukoll barra, kif ukoll l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-IT biex itejjeb ir-reġistru tat-trasparenza; ifakkar fil-ħtieġa li jibqgħu jissaħħu l-kontrolli tal-kwalità tad-data ta' applikanti ġodda; jinnota li l-kwalità tal-entrati fir-reġistru tat-trasparenza tjiebet matul dawn l-aħħar snin minħabba żieda fil-monitoraġġ immirat tal-kwalità u b'riżultat ta' investigazzjonijiet ibbażati fuq ilmenti jew investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja mis-Segretarjat, u jfaħħar, minkejja r-riżorsi limitati, ir-rwol tas-Segretarjat Konġunt f'dak it-titjib; jinnota li l-kontrolli tal-kwalità mmirati tas-Segretarjat ta' 4 238 entrata matul l-2022 sabu li 44 % ipprovdew kwalità tad-data sodisfaċenti mill-bidu nett, (numru simili għal 2021, + 4 %) filwaqt li 35,2 % addizzjonali tar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess tejbu l-informazzjoni wara l-kontrolli mmirati, u 13,6 % tneħħew wara l-kontrolli b'riżultat ta' ineliġibbiltà jew nuqqas ta' aġġornament; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu allokati riżorsi addizzjonali lis-Segretarjat biex ikun jista' jsir skrutinju tar-reġistru tat-trasparenza biex tiġi żgurata l-kwalità tad-data; jitlob li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jiġi estiż biex jinkludi rappreżentanti ta' pajjiżi mhux tal-UE; jirrakkomanda li jintużaw soluzzjonijiet tal-IT biex ir-reġistru tat-trasparenza jiġi integrat fl-attivitajiet kollha tal-Parlament li jinvolvu entitajiet esterni biex il-parteċipazzjoni tagħhom tkun tista' tiġi rreġistrata u traċċata permezz tal-bażijiet tad-data rilevanti;

([2]) Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1).

34. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-indħil barrani fuq skala kbira u l-kampanji ta' diżinformazzjoni mmirati lejn l-Unjoni, b'mod partikolari mir-Russja; jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ kultura tas-sigurtà fi ħdan il-Parlament; jappella għal taħriġ obbligatorju u regolari dwar is-sigurtà u l-integrità għall-Membri u l-membri tal-persunal, approvazzjoni tas-sigurtà xierqa u skrinjar imsaħħaħ tal-membri tal-persunal, b'mod partikolari dawk li jattendu laqgħat bil-magħluq; jappella għal skrutinju aktar strett tal-organizzazzjoni tal-eventi, kif ukoll meta mistednin esterni jiġu mistiedna l-Parlament u fir-rigward tal-aċċess għall-pjattaformi ta' komunikazzjoni tal-Parlament; jappella għal investigazzjoni urġenti dwar l-allegazzjonijiet ta' ndħil Russu fil-Parlament;

35. Jappella, bħala konsegwenza tal-avvenimenti ta' korruzzjoni allegata fil-Parlament Ewropew li seħħew fi tmiem l-2022, għall-istabbiliment ta' standards robusti dwar it-trasparenza u l-aċċess għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni għall-entitajiet kollha elenkati fir-reġistru tat-trasparenza; ifakkar li l-NGOs allegatament intużaw ħażin bħala vetturi ta' ndħil barrani fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Parlament; itenni, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa ta' skrinjar finanzjarju preventiv komprensiv tal-entitajiet kollha, li jiżvela s-sorsi kollha ta' finanzjament, qabel ma jiġu elenkati fir-reġistru tat-trasparenza; ifakkar fl-obbligu ta' reġistrazzjoni fir-reġistru tat-trasparenza qabel il-parteċipazzjoni fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti u konferenzi fil-bini tal-Parlament;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-fondi kollha tal-Unjoni jkunu effettivament traċċabbli mir-riċevitur dirett sal-benefiċjarju finali meta l-fondi jiġu mgħoddija f'katina kif rifless fil-proposta għal riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju u kif mitlub fir-rapport fuq inizjattiva proprja "It-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati mill-baġit tal-UE" adottat fis-17 ta' Jannar 2024 ([3]); jappella għal reviżjoni tal-linji gwida għar-reġistrazzjoni fir-reġistru tat-trasparenza biex jiġu ddivulgati l-fondi kollha li jidħlu u li joħorġu, inkluż it-trasferiment ta' fondi minn entità kkonċernata waħda għall-oħra; jissottolinja li r-reġistranti jew l-entitajiet kollha li jirċievu flus minn partijiet terzi, li r-reġistrazzjoni tagħhom fir-reġistru tat-trasparenza mhux meħtieġa, jeħtieġ li jiddivulgaw is-sors ta' finanzjament tagħhom;

37. Ifakkar li l-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura jobbliga lill-membri jippubblikaw il-laqgħat tagħhom mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess; jinnota bi tħassib kbir li fil-perjodu sas-26 ta' Jannar 2023, 261 Membru attwali ma ppubblikawx laqgħa waħda ma' rappreżentant ta' grupp ta' interess fuq is-sit web tal-Parlament; ifakkar li l-informazzjoni u l-avviżi ta' tfakkira dwar l-obbligu li jiġu ppubblikati l-laqgħat għandhom jintbagħtu lill-Membri kollha f'intervalli regolari;

38. Jinnota l-kodiċi ta' kondotta rivedut għall-Membri u l-enfasi akbar fuq l-integrità u t-trasparenza fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' interessi finanzjarji, il-kunflitti ta' interess potenzjali, il-laqgħat mar-rappreżentanti u d-dikjarazzjonijiet tal-input tal-Membri; jisħaq li r-regoli l-ġodda huma milqugħa iżda li l-interpretazzjoni tagħhom qajmet ħafna mistoqsijiet u teħtieġ azzjoni mill-amministrazzjoni tal-Parlament u l-kumitat tal-Kodiċi ta' Kondotta; jenfasizza li sabiex il-Membri jkunu konformi mar-regoli l-ġodda, hija meħtieġa interpretazzjoni ċara u affidabbli sabiex tippermetti l-ogħla livell ta' ċertezza tad-dritt; jappella biex jintbagħtu aġġornamenti regolari ta' informazzjoni lill-uffiċċji tal-Membri biex jippermettu viżibbiltà u aċċessibbiltà akbar;

39. Iqis li l-votazzjonijiet b'sejħa tal-ismijiet (RCV) huma strument ewlieni għat-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont lejn iċ-ċittadini tal-Unjoni; jitlob li jiddaħħlu votazzjonijiet b'sejħa tal-ismijiet (RCV) awtomatiċi għal kwalunkwe votazzjoni finali ħlief għall-votazzjonijiet sigrieti, u li jiżdied l-għadd ta' votazzjonijiet b'sejħa tal-ismijiet (RCV) li grupp politiku jkollu l-possibbiltà li jitlob għal kull sessjoni parzjali fl-Artikolu 190(2), jew li l-fajls leġiżlattivi jiġu eżentati minn dik il-limitazzjoni;

40. Jinnota b'sodisfazzjon l-organizzazzjoni b'suċċess tal-elezzjonijiet ta' nofs it-terminu fl-2022 tal-President, tal-Viċi Presidenti u tal-Kwesturi f'format mill-bogħod, kif deċiż mill-Konferenza tal-Presidenti; jirrikonoxxi l-importanza tas-sistema ta' votazzjoni mill-bogħod fil-plenarja fit-tmexxija b'suċċess ta' tali vot sigriet sensittiv u kumpless;

41. Ifakkar fil-bidliet fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament tal-20 ta' Diċembru 2020 li jippermettu votazzjoni mill-bogħod u l-fatt li l-votazzjoni mill-bogħod fil-kumitati bħalissa mhijiex permessa sakemm il-President ma tistabbilixxix l-eżistenza ta' ċirkostanzi straordinarji; itenni t-talba tiegħu lill-Bureau, adottata fil-livell tal-Plenarja f'diversi okkażjonijiet, biex il-Membri jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw mill-bogħod filwaqt li jibbenefikaw mil-liv tal-maternità jew tal-paternità, matul mard fit-tul jew f'każijiet ta' force majeure, u b'hekk jikkapitalizzaw fuq l-isforz amministrattiv kbir u l-investiment finanzjarju li l-Parlament għamel f'soluzzjonijiet tekniċi biex jippermetti l-votazzjoni mill-bogħod;

42. Jinnota li d-DĠ PRES irnexxielu jindirizza l-ħtiġijiet li nħolqu wara l-istabbiliment tal-estimi tal-2022, minkejja s-sitwazzjoni sanitarja volatili u l-impatt tagħha fuq il-livell ta' attività parlamentari; jirrimarka li ġġenera wkoll surplus li jista' jintuża biex jiffinanzja l-ħtiġijiet ta' Direttorati Ġenerali oħra li jirriżultaw mill-inflazzjoni għolja fl-2022;

([3]) P9_TA(2024)0036.

43. Ifakkar li skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Protokoll Nru 6 anness mat-Trattati, il-Parlament għandu jkollu s-sede tiegħu fi Strażburgu, fejn għandhom isiru t-12-il perjodu ta' sessjonijiet plenarji ta' kull xahar, inkluża s-sessjoni baġitarja; jissottolinja li s-sospensjoni tas-sessjonijiet fi Strażburgu u l-parteċipazzjoni mill-bogħod huma marbuta maċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tal-pandemija tal-COVID-19; ifakkar li kwalunkwe bidla fit-Trattati tirrikjedi l-unanimità tal-Istati Membri; ifakkar fl-appoġġ mill-maġġoranza vasta tal-Parlament favur sede unika li tiżgura l-infiq effiċjenti tal-flus tal-kontribwenti tal-Unjoni u biex il-Parlament jassumi r-responsabbiltà istituzzjonali tiegħu li jnaqqas l-impronta tal-karbonju tiegħu; jinnota li bidliet permanenti jkunu jeħtieġu bidla fit-Trattat;

44. Jinnota li s-sospensjoni tas-sessjonijiet parzjali ta' Strażburgu matul il-pandemija tal-COVID-19 ikkontribwiet għal iffrankar totali ta' EUR 26 260 608 skont is-Segretarjat tal-Parlament, filwaqt li naqqset ukoll b'mod sinifikanti l-impronta tal-karbonju tal-Parlament; jenfasizza li l-Qorti stmat li "jekk jintemm it-trasferiment minn Strażburgu lejn Brussell jistgħu jiġu ffrankati annwalment, EUR 114-il miljun, flimkien ma' ffrankar ta' darba ta' EUR 616-il miljun f'każ ta' suċċess fiċ-ċessjoni tal-binjiet fi Strażburgu, jew spiża ta' darba ta' EUR 40 miljun jekk dan ma jseħħx" ([4]); iqis li minħabba l-kriżi klimatika attwali, iż-żamma tas-sede ta' Strażburgu hija irresponsabbli; jistieden lill-Kunsill iqis il-pożizzjoni tal-Parlament u jaġixxi fuqha b'urġenza;

Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

45. Ifakkar li d-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DĠ COMM) huwa Direttorat Ġenerali b'diversi siti, b'persunal li jinsab fi Brussell, fi Strażburgu u fl-Uffiċċji ta' Kollegament f'kull wieħed mis-27 Stat Membru, kif ukoll f'Londra, f'Washington, D.C. (sal-1 ta' Novembru 2022 meta ż-żewġ EPLOs ġew ittrasferiti lid-Direttorat Ġenerali l-ġdid għas-Sħubijiet għad-Demokrazija Parlamentari), u Dar Jean Monnet f'Bazoches (Franza);

46. Jinnota li l-kompiti ewlenin tad-DĠ COMM huma li jikkollabora mal-media, biex jinforma, jispjega u jtejjeb il-viżibbiltà tal-ħidma tal-Parlament, li jżid l-għarfien dwar il-Parlament fost iċ-ċittadini, il-partijiet ikkonċernati u l-mexxejja tal-opinjoni permezz tal-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew (EPLOs) li jinsabu fl-Istati Membri, li jrawwem l-interazzjoni maċ-ċittadini permezz ta' proġetti ta' viżitaturi, avvenimenti u kampanji ta' informazzjoni mtejba u l-preżenza tiegħu fuq il-media soċjali, u li jipprovdi għarfien espert lill-Membri u lill-gruppi politiċi dwar suġġetti bħall-intelligence mill-media u l-monitoraġġ tal-opinjoni pubblika; u li jiġġieled id-diżinformazzjoni bil-mezzi kollha, b'mod partikolari fit-tħejjija għall-elezzjonijiet;

47. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Parlament u l-istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni jkollhom riżorsi adegwati biex jissalvagwardjaw l-ispazju tal-informazzjoni tagħhom kontra kampanji ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-valuri tal-Unjoni;

48. Jinnota li l-approprjazzjonijiet finali tad-DĠ COMM ammontaw għal EUR 121 235 650 fl-2022, li jirrappreżentaw 5,6 % tal-baġit tal-Parlament; jenfasizza li, minn dak l-ammont, ġie impenjat total ta' EUR 121 146 177; jilqa' l-użu għoli tal-approprjazzjonijiet;

49. Jinnota l-kumplessità tal-attivitajiet tad-DĠ COMM; jinnota l-ħtieġa li tiżdied il-viżibbiltà tal-ħidma tal-Parlament u li tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjoni tal-Parlament, u dan ikun jeħtieġ żieda fil-baġit għad-DĠ COMM;

50. Jenfasizza li matul l-ewwel erba' xhur tal-2022, l-implimentazzjoni baġitarja tad-DĠ COMM kienet għadha affettwata mill-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari fir-rigward tal-gruppi tal-viżitaturi u l-faċilitajiet tal-viżitaturi; jirrimarka li parti kbira mis-surpluses ikkawżati mis-sospensjoni tal-attivitajiet ġiet allokata mill-ġdid lil servizzi oħra tal-Parlament biex tiffinanzja prijoritajiet oħra u jiġi indirizzat l-effett tal-inflazzjoni fuq in-nefqa tal-persunal; jinnota li diversi attivitajiet tad-DĠ COMM, bħas-servizzi awdjoviżivi, kienu affettwati wkoll b'mod sever minn żidiet sostanzjali fil-prezzijiet;

51. Jinnota li, fl-10 ta' Marzu 2022, il-President ħareġ deċiżjoni riveduta dwar "Miżuri ta' sigurtà biex jiġi limitat it-tixrid tal-COVID-19" li kienet tfisser li reġgħet bdiet il-preżenza fiżika għal diversi attivitajiet, inkluż l-ammissjoni mill-ġdid ta' gruppi ta' viżitaturi; jilqa' d-deċiżjoni li jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa għall-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, l-ikliet u l-ispejjeż lokali minuri b'10 % għall-gruppi ta' viżitaturi sponsorjati fl-2022; jistieden lill-Bureau biex ireġġa' lura d-deċiżjoni tiegħu li jnaqqas il-kwota annwali ta' viżitaturi sponsorjati għal kull membru minn 110 għal 100 u minn 55 għal 50 fis-snin tal-elezzjoni; jenfasizza li d-deċiżjoni li l-kwota mhux użata tiġi riportata mill-2020 għall-2022, l-2023 u l-2024 baqgħet l-istess; jinsisti mal-Bureau li l-APAs jiġu eliminati mil-lista ta' kapijiet ta' gruppi permessi, sabiex membru tal-grupp sponsorjat jew professjonist, bħall-aġenti tal-ħlas jew l-aġenziji tal-ivvjaġġar, biss ikun jista' jieħu r-rwol, sabiex jiġi evitat li l-APAs jiġu mġiegħla jassumu r-responsabbiltà finanzjarja, fejn jistgħu jkunu involuti somom sostanzjali ta' flus;

([4]) https://www.eca.europa.eu/other%20publications/pl1407_letter/pl1407_letter_mt.pdf.

52. Jinnota li wara l-kriżi tal-enerġija fl-Unjoni, il-prezzijiet għall-ivvjaġġar u l-ikliet żdiedu b'mod konsiderevoli; jinnota r-reviżjoni ppjanata fir-regoli fir-rigward tal-ħlas ta' sussidji lil gruppi ta' viżitaturi sponsorjati;

53. Jinnota li l-irtirar progressiv tar-restrizzjonijiet tal-pandemija tal-COVID-19 fl-Istati Membri ppermetta lill-EPLOs jerġgħu jibdew joperaw f'kundizzjonijiet normali biż-żieda sistematika ta' elementi ibridi; jenfasizza li ġew organizzati serje ta' attivitajiet marbuta mas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ fl-EPLOs; jinnota li fl-Istati Membri, il-Membri huma sistematikament mistiedna għal avvenimenti u attivitajiet mal-media, mal-partijiet ikkonċernati, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-komunità taż-żgħażagħ; jinnota li l-Uffiċċji ta' Kollegament jippromwovu wkoll l-involviment tal-Membri f'avvenimenti u attivitajiet ta' partijiet terzi;

54. Jinnota li l-Membri kienu ngħataw l-opportunità li jieħdu sehem f'dibattiti fil-plenarja mill-EPLOs fl-Istati Membri tal-elezzjoni tagħhom bħala riżultat tal-miżuri eċċezzjonali stabbiliti matul il-pandemija, u dan kien ġie aġevolat mill-azzjonijiet tad-DĠ COMM; jilqa' ż-żieda fl-isforzi magħmula mid-DĠ COMM biex jagħmel użu minn teknoloġiji ġodda biex jaġevola l-ħidma tal-Membri matul il-pandemija tal-COVID-19; jirrikonoxxi li l-aċċess mill-bogħod mill-media nazzjonali għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Parlament fetaħ modi ta' interazzjoni maċ-ċittadini tal-Unjoni;

55. Jinnota li, fl-2022, id-DĠ COMM lesta l-biċċa l-kbira tal-ħidma preparatorja tiegħu qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024; jinnota li, fl-2022, il-Bureau tal-Parlament approva l-istrateġija ta' komunikazzjoni għall-elezzjonijiet tal-2024; jinnota li f'nofs l-2022 tnediet sejħa pan-Ewropea għall-proposti u din irriżultat fl-għoti ta' 19-il għotja, il-finanzjament ta' azzjonijiet għall-bini tal-kapaċitajiet u/jew ta' attivitajiet ta' involviment taċ-ċittadini b'appoġġ għall-elezzjonijiet Ewropej;

56. Jilqa' l-adozzjoni tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media li jintroduċi sett ġdid ta' regoli biex jippromwovi l-pluraliżmu u l-indipendenza tal-midja madwar l-Unjoni; huwa tal-fehma li tali att jirrappreżenta għodda addizzjonali, fi ħdan l-isforzi kontinwi tal-Unjoni biex tiġġieled kontra kampanji sistematiċi ta' interferenza u manipulazzjoni tal-informazzjoni minn barranin bl-għan li jiddestabbilizzaw l-Unjoni;

57. Jinnota li l-Europa Experiences huma azzjonijiet pożittivi li jippromwovu l-ħidma tal-Unjoni u li jispjegaw il-politiki tal-Unjoni liċ-ċittadini; jinnota b'sodisfazzjon iż-żieda fl-għadd ta' żjarat fl-Europa Experiences matul dawn l-aħħar sentejn; jinnota li eluf ta' viżitaturi kull xahar igawdu l-Europa Experiences kull sena; jinnota li minkejja l-kriżi tal-inflazzjoni li għaddejja fl-2022, infetħu żewġ faċilitajiet ġodda tal-Europa Experience (Pariġi u Ruma), li ppermettew lill-Uffiċċji ta' Kollegament jibbenefikaw minn opportunitajiet differenti ta' sensibilizzazzjoni u jespandu n-networks tagħhom; jinnota li fi tmiem l-2022, aktar minn 80 % tal-objettivi mnedija tal-Europa Experience kienu ntlaħqu;

58. Ifakkar fit-taqbida kontinwa tal-Unjoni fir-rigward tas-salvagwardja tal-valuri Ewropej u l-ħarsien tal-integrità tal-proċessi demokratiċi tagħna; jilqa' l-azzjonijiet meħuda mill-Parlament fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi, il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni; jappella għat-tisħiħ ta' dawk l-azzjonijiet fid-dawl tal-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin u, b'mod partikolari, jistieden lid-DĠ COMM ikompli jiżviluppa u jimplimenta strateġiji effettivi għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, speċjalment f'kuntest elettorali; jenfasizza li waħda mill-aktar armi b'saħħithom kontra d-diżinformazzjoni hija l-komunikazzjoni pożittiva u bbażata fuq il-fatti rigward l-attivitajiet tal-Parlament;

59. Jemmen li l-għoti ta' aċċess għar-riżorsi tal-Parlament, bħal studios għar-reġistrazzjoni tal-vidjo jew pjattaformi oħra ta' komunikazzjoni, ma jridx jintuża biex jimmina l-valuri tal-Unjoni jew għall-finijiet tat-tixrid ta' informazzjoni ostili minn reġimi awtoritarji;

Direttorat Ġenerali għall-Persunal

60. Ifakkar li d-Direttorat Ġenerali għall-Persunal (DĠ PERS) huwa responsabbli għall-ġestjoni xierqa u effiċjenti tar-riżorsi umani fil-Parlament u jiżgura li l-Membri jkunu appoġġjati minn forza tax-xogħol b'livell għoli ta' ħiliet biex ikunu jistgħu jissodisfaw il-mandat tagħhom kif xieraq;

61. Jinnota li fl-2022 l-approprjazzjonijiet finali tad-DĠ PERS ammontaw għal EUR 1 090 141 584, li jirrappreżentaw 50,4 % tal-baġit tal-Parlament; jenfasizza li, minn dak l-ammont, ġie impenjat total ta' EUR 1 087 939 413; jilqa' l-użu għoli tal-approprjazzjonijiet;

62. Jinnota li, fl-2022, il-Parlament irrekluta anqas uffiċjali mill-kompetizzjonijiet organizzati mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) (48 uffiċjal) milli minn kompetizzjonijiet interni u miftuħa mmexxija mill-Parlament (139 uffiċjal); jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-EPSO sab diversi problemi bl-inviġilazzjoni ta' testijiet online u r-reġim lingwistiku tal-kompetizzjonijiet; jirrikonoxxi d-diffikultajiet ġenerali li jiltaqgħu magħhom id-DĠ PERS u DĠ oħra biex jattiraw u jżommu t-talent, li għandu impatt fuq il-prestazzjoni tal-forza tax-xogħol tal-Parlament; jappella għal proċeduri ta' selezzjoni aktar effiċjenti, immirati aħjar u iqsar li jirriżultaw f'żieda fl-attraenza tal-Parlament bħala impjegatur u jippermettu lid-Direttorati Ġenerali jirreklutaw malajr il-profili speċjalizzati meħtieġa biex jappoġġjaw ix-xogħol tagħhom;

63. Jenfasizza li l-iżgurar ta' bilanċ ġeografiku ġust huwa parti importanti mill-ħolqien ta' servizz pubbliku verament Ewropew, jirrimarka li matul is-snin, il-Parlament ħa għadd ta' miżuri f'dak ir-rigward; jinnota li għad baqa' lok għal titjib; jinnota li l-Bureau ħoloq il-qafas legali għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet speċifiċi għan-nazzjonalità u ddeċieda li jorganizza l-ewwel waħda minn tali kompetizzjonijiet; jenfasizza li l-kompetizzjonijiet għandhom dejjem ikunu bbażati fuq it-taħriġ professjonali tal-persuna, irrispettivament mill-età, il-ġeneru jew it-twemmin;

64. Ifakkar li, fit-13 ta' Jannar 2020, il-Bureau approva miri ġodda u aktar ambizzjużi għall-bilanċ bejn il-ġeneri fil-livelli ta' maniġment superjuri u dak intermedju tal-amministrazzjoni tal-Parlament li għandhom jintlaħqu sal-2024, jiġifieri li n-nisa jkollhom 50 % tal-pożizzjonijiet ta' kap ta' unità, 50 % tal-pożizzjonijiet ta' direttur u 40 % tal-pożizzjonijiet ta' direttur ġenerali; ifakkar li pjan ta' azzjoni dwar il-ġeneru għas-snin 2021-2022 immirat biex jaġevola l-implimentazzjoni ta' dawn il-miri, kif ukoll biex jintegra l-perspettiva tal-ġeneri b'mod komprensiv fl-attivitajiet kollha tal-Parlament, sussegwentement ġie żviluppat u approvat mill-Bureau fis-6 ta' Lulju 2020; jinnota li fl-2022, in-nisa kellhom 28,6 % tal-pożizzjonijiet ta' direttur ġenerali, 50,8 % tal-pożizzjonijiet ta' direttur, u 43,5 % tal-pożizzjonijiet ta' kap ta' unità;

65. Jirrikonoxxi li diversi Direttorati Ġenerali esprimew it-tħassib tagħhom dwar l-attrazzjoni ta' talent u profili speċjalizzati li huma essenzjali biex jitwettaq in-negozju ewlieni tal-Parlament; jinnota li huma biss is-servizzi li huma essenzjali li jistgħu jiġu kkunsidrati għal eżerċizzju potenzjali ta' internalizzazzjoni; jenfasizza li xi servizzi jitwettqu minn fornituri esterni tas-servizzi minħabba n-natura speċifika tagħhom li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-internalizzazzjoni; huwa għalhekk tal-fehma li s-servizzi li ma jissodisfawx dawn il-kundizzjonijiet ma għandhomx jitqiesu għall-internalizzazzjoni mill-korpi governattivi;

66. Jilqa' l-ħidma mwettqa mid-DĠ PERS mal-Assistenti Parlamentari Akkreditati (APAs); jenfasizza li l-Infodesk tad-DĠ PERS organizza 85 sessjoni ta' informazzjoni għall-uffiċjali, għall-aġenti temporanji u għall-aġenti kuntrattwali kif ukoll għall-APAs, minbarra sitt webinars dwar l-irtirar, u 14-il sessjoni ta' informazzjoni għal trainees ġodda tal-Membri; jilqa' l-ħidma tal-Unità tal-Front Office għall-APA fir-rigward tar-reklutaġġ u l-ġestjoni tal-kuntratti tal-APA u li taġixxi bħala punt ta' kuntatt għall-mistoqsijiet u l-proċeduri relatati kollha; jinnota li din l-unità wieġbet għal 12 405 talbiet għal informazzjoni, inklużi reklutaġġi, modifiki fil-kuntratti, tiġdid, riżenji u terminazzjonijiet; jinnota b'sodisfazzjon li 100 % tal-kuntratti għall-APAs ġew prodotti fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol;

67. Jinnota b'sodisfazzjon li, kif mitlub fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2021, fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Lulju 2023, il-Bureau talab li tiġi introdotta l-possibbiltà ta' terminazzjoni nnegozjata tal-kuntratt bejn Membru u l-APA tiegħu, għal każijiet meta jkun meħtieġ li l-kuntratt tal-APA jiġi tterminat għal raġunijiet oħra għajr telf ta' fiduċja;

68. Jirrikonoxxi li l-ħidma tal-APAs hija parti integrali mill-ħidma tal-Membri u li dawn għandhom rwol importanti fil-proċeduri leġiżlattivi tal-Unjoni; jinnota li wara l-adozzjoni tal-istatut tal-APA fl-2009, ir-rikonoxximent ta' ħidmiethom żdied gradwalment matul is-snin; jinnota l-isforzi li għamel il-Parlament biex joħloq qafas għall-għoti ta' appoġġ lill-APAs; jistieden lill-Bureau u lill-amministrazzjoni tal-Parlament jikkonsultaw regolarment u formalment lill-Kumitat tal-APA dwar ir-reviżjonijiet u r-riformi li jħallu impatt dirett fuq id-drittijiet tal-APAs; jappella għall-konformità xierqa mar-regoli stabbiliti; jistieden lill-amministrazzjoni tal-Parlament tesplora l-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' perjodu ta' avviż fil-kuntratti tal-APAs f'każ ta' tluq mhux mistenni ta' Membru tal-PE, kemm jekk volontarju kif ukoll involontarju;

69. Jinnota, li l-APAs jipparteċipaw f'missjonijiet uffiċjali fit-tliet postijiet tax-xogħol tal-Parlament; jinnota li fil-11 ta' Diċembru 2023, il-Bureau adotta emendi għall-"Miżuri ta' Implimentazzjoni għat-Titolu VII tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea", li jirregolaw l-impjieg tal-APAs; jinnota li skont din id-deċiżjoni, ir-regoli applikabbli għall-missjonijiet imwettqa minn uffiċjali u aġenti oħra tal-Parlament se japplikaw għall-APAs *mutatis mutandis*; jinnota li meta l-APAs ikollhom ordni ta' missjoni vvalidata biex jivvjaġġaw lejn Strażburgu matul is-sessjonijiet plenarji tal-Parlament Ewropew, dawn jistgħu jivvjaġġaw hemmhekk b'ferrovija charter; jinnota li fil-każ li l-ferroviji charter tal-Eurostar jkunu mimlija, l-APAs jiġu offruti għażliet tal-ivvjaġġar konsiderevolment agħar u aktar inaffidabbli mill-membri l-oħra tal-persunal tal-Parlament; jistieden lill-Parlament jeżamina l-ħtieġa ta' ferrovija addizzjonali; itenni li l-APAs li jakkumpanjaw lill-Membri għas-sessjonijiet parzjali fi Strażburgu, jeħtieġu ordni ta' missjoni u għandhom jiġu rimborżati f'konformità mar-regoli applikabbli;

70. Josserva li d-Deċiżjoni tal-Bureau dwar ir-regoli applikabbli għall-missjonijiet tal-Kumitat barra mit-tliet postijiet tax-xogħol kif emendata f'Novembru 2011, wara d-diskussjonijiet fil-Konferenza tal-Presidenti f'April 2011 u fil-Bureau f'Novembru 2011, bħalissa tipprojbixxi lill-APAs milli jakkumpanjaw lill-Membri fid-delegazzjonijiet uffiċjali tal-Parlament u l-missjonijiet tal-kumitati; jinnota li jekk l-APAs jitħallew jipparteċipaw fil-missjonijiet tal-PE b'mod mhux uffiċjali, il-Parlament jitqiegħed f'pożizzjoni ta' riskju serju għar-reputazzjoni filwaqt li jiġu imposti sfidi speċifiċi fir-rigward tal-kopertura tal-assigurazzjoni tagħhom; ifakkar li l-Membri tal-PE diġà jiġu akkumpanjati minn rappreżentanti tal-gruppi politiċi f'dawn il-missjonijiet iżda jirrimarka li l-appoġġ tekniku li l-APAs jipprovdu matul il-missjonijiet huwa ta' importanza ewlenija għall-Membri parteċipanti; itenni t-talba li ilu jagħmel biex l-APAs, taħt ċerti kundizzjonijiet li għad iridu jiġu ddeterminati, jitħallew jakkumpanjaw lill-Membri f'delegazzjonijiet u missjonijiet uffiċjali tal-Parlament barra mit-tliet postijiet tax-xogħol, kif imtenni mill-Plenarja f'diversi riżoluzzjonijiet ta' kwittanza; iħeġġeġ lill-Bureau u lill-Konferenza tal-Presidenti jwieġbu b'mod pożittiv għal din it-talba;

71. Ifakkar, li l-APAs, irrispettivament mill-esperjenza u l-kwalifiki tagħhom, huma esklużi milli jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet interni tal-Parlament Ewropew; jistieden lill-Bureau jesplora l-possibbiltà li jagħti l-istess opportunitajiet lill-APAs, fuq bażi ġusta u skont kriterji stabbiliti mid-DĠs rilevanti, biex l-APAs, skont kundizzjonijiet li għad iridu jiġu determinati, ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet interni fuq bażi ugwali mal-persunal tal-Parlament Ewropew; jinnota li l-APAs, permezz ta' snin ta' esperjenza, jiksbu fehim sħiħ tal-isfumaturi politiċi u tekniċi assoċjati mal-eżerċizzju tal-mandat tal-Membri tal-PE kif ukoll tad-diversi proċeduri legali tal-Unjoni; jisħaq li involviment aktar b'saħħtu tal-APAs fl-istrutturi interni tal-Parlament jista' jwassal għal forza tax-xogħol aktar inklużiva, diversa u ġeografikament ibbilanċjata; jenfasizza l-importanza taż-żamma u t-trasferiment tal-għarfien fi ħdan il-Parlament Ewropew fir-rigward tal-metodi ta' ħidma interni;

72. Jinnota li l-perjodu ta' preklużjoni applikabbli għall-APAs huwa mill-inqas id-doppju tal-perjodu ta' preklużjoni applikabbli għall-Membri tal-PE; iħeġġeġ sabiex issir diskussjoni dwar l-armonizzazzjoni tal-perjodu ta' preklużjoni għall-impjegati tal-Parlament Ewropew;

73. Jilqa' l-progress li sar fir-reviżjoni tar-regoli li jirregolaw l-impjieg ta' assistenti parlamentari akkreditati; jilqa' l-armonizzazzjoni pożittiva li d-deċiżjoni ġġib għall-persunal; jilqa' l-ftehim milħuq dwar it-terminazzjoni reċiproka tal-kuntratt bejn l-APAs u l-Membri tal-PE; jilqa' l-allinjament tar-regoli dwar l-allowances għall-missjonijiet bejn l-APAs u l-persunal; jilqa' r-reviżjoni tat-taħriġ obbligatorju għall-APAs mal-bidu tal-qadi ta' dmirijiethom; jilqa' r-reviżjoni tar-regoli dwar il-maternità għall-APAs sabiex jittejjeb l-użu effiċjenti tar-riżorsi mill-Membri tal-PE; ifaħħar lill-Bureau tal-Parlament Ewropew talli laqa' t-talbiet tal-plenarja tal-Parlament Ewropew kif ukoll il-kontribut mill-Kumitat tal-APAs matul dawn l-aħħar snin; iħeġġeġ lill-Bureau tal-PE jkompli din il-ħidma kostruttiva mal-Kumitat tal-APAs dwar kwistjonijiet pendenti oħra;

74. Sabiex jissaħħu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fl-operazzjonijiet parlamentari Ewropej, u biex tiġi promossa d-distribuzzjoni ġusta tar-riżorsi, qed jiġu proposti r-reviżjonijiet li ġejjin rigward l-assistenza parlamentari u l-limiti massimi ġenerali u l-baġit:

(1) L-allokazzjoni baġitarja minima għall-Assistenza Parlamentari (APAs) għandha tiġi stabbilita għal mill-inqas 35 %.

(2) L-allokazzjoni baġitarja massima għal benefiċjarji oħra għandha tkun limitata għal 65 % u għandha tinqasam kif ġej:

(a) Il-fornituri tas-servizzi għandhom ikunu limitati għal massimu ta' allokazzjoni baġitarja ta' 25 %.

(b) L-assistenti lokali għandhom ikunu limitati għal massimu ta' allokazzjoni baġitarja ta' 25 %.

(c) It-trainees għandhom ikunu limitati għal massimu ta' allokazzjoni baġitarja ta' 15 %;

75. Jinnota li wara ż-żewġ edizzjonijiet tal-Programm ta' Reklutaġġ u Żvilupp Schuman li ġew iffinalizzati fl-2022, 16 % tal-kandidati minn dawk imqiegħda fil-grupp ġew reklutati fl-2022; jenfasizza li din l-azzjoni rriżultat fir-reklutaġġ ta' 50 kandidat b'suċċess minn 16-il Stat Membru differenti; jirrimarka li minn dawk l-Istati Membri, disgħa mill-Istati Membri li kienu rrappreżentati minn ftit membri tal-persunal jew ftit ħafna issa huma aktar irrappreżentati u huma rrappreżentati minn 70 % tal-kandidati korrispondenti li ntgħażlu; jenfasizza l-ħolqien ta' network tal-alumni ta' eks trainees tal-Parlament approvat mis-Segretarju Ġenerali fi tmiem l-2022;

76. Jilqa' l-fatt li d-DĠ PERS implimenta l-Iskema ta' Azzjoni Pożittiva għall-kandidati b'diżabilità, li rriżultat f'għadd ta' applikazzjonijiet ferm ogħla mis-snin preċedenti;

77. Ifakkar fid-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali ta' Novembru 2022 dwar ir-regoli l-ġodda għat-telexogħol fil-Parlament applikabbli għas-Segretarjat tal-Parlament; ifakkar li l-Membri u l-gruppi politiċi jistgħu jiddeċiedu wkoll li japplikaw ir-regoli tat-telexogħol kif stabbilit f'din id-deċiżjoni; jirrimarka li użu bbilanċjat ta' ambjent tax-xogħol ibridu huwa ta' benefiċċju u produttiv u għalhekk jilqa' d-deċiżjoni li jinżammu l-possibbiltajiet ta' telexogħol; ifakkar li l-preżenza fiżika hija dejjem ta' importanza kruċjali għall-interazzjoni effiċjenti u effettiva tal-atturi kollha f'kull proċess parlamentari;

78. Jissuġġerixxi li sabiex jiġu rikonċiljati l-ħtiġijiet tal-amministrazzjoni tal-Parlament (inklużi l-koeżjoni tat-tim, il-komunikazzjoni interna u l-onboarding ta' dawk ġodda) li jkollhom impatt pożittiv fuq il-prestazzjoni tiegħu kif ukoll l-attraenza tal-Parlament bħala impjegatur, tkompli titwettaq analiżi dwar il-modi ġodda ta' ħidma; jinnota l-introduzzjoni tal-possibbiltà li l-persunal jagħmel telexogħol minn barra l-pajjiż għal ħamest ijiem fis-sena; jinnota li whud mill-miżuri relatati mal-pandemija tal-COVID-19 immodifikaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol f'servizzi speċifiċi; jitlob monitoraġġ u evalwazzjoni proattivi tal-modi ġodda ta' ħidma sabiex ma jkunx hemm impatt negattiv fuq il-benesseri u s-sodisfazzjon tal-persunal;

79. Jinsab imħasseb li mill-459 Membru tat-tmien leġiżlatura li ma ġewx eletti mill-ġdid fl-2019, ġiet sottomessa biss notifika waħda ta' impjieg ta' wara l-mandat lill-Parlament (l-Artikolu 6 tal-Kodiċi ta' Kondotta); jilqa' l-projbizzjoni tal-eks Membri milli jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' lobbying matul is-sitt xhur wara t-tmiem tal-mandat tagħhom u l-introduzzjoni ta' proċedura f'każ ta' nuqqas ta' konformità; ifaħħar il-fatt li ma għadux possibbli li tinħareġ badge ta' lobbyist lil eks Membru fil-perjodu ta' sitt xhur wara t-tmiem tal-mandat tiegħu u li l-badge ta' eks Membru tiġi diżattivata jekk tinħareġ badge ta' lobbyist lill-eks Membru wara dan il-perjodu; jinnota li fl-2022, mill-199 uffiċjal li telqu mis-servizz, 65 talbu permess għal attività wara t-tluq mis-servizz (l-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal); jistieden lill-Parlament jistabbilixxi regoli aktar b'saħħithom biex jirregola r-revolving doors għall-Membri u l-impjegati taċ-ċivil;

80. Jemmen bis-sħiħ li l-isponsorjar ta' avvenimenti u vjaġġi qatt ma għandu jservi bħala mezz biex jiġu kompromessi l-valuri tal-Unjoni jew tiġi ppropagata informazzjoni ostili minn reġimi awtoritarji; itenni l-appell tiegħu għal regoli aktar stretti għall-vjaġġi li jsiru mill-Membri li jitħallsu minn pajjiżi u entitajiet barranin; jemmen li għandhom jiġu abbozzati regoli simili għall-vjaġġi li jsiru mill-APAs jew mill-persunal tal-gruppi politiċi;

Direttorat Ġenerali għall-Infrastruttura u l-Loġistika

81. Ifakkar li d-Direttorat Ġenerali għall-Infrastruttura u l-Loġistika (DĠ INLO) jimmaniġġja faċilitajiet li jkopru 1,3 miljun m^2 fi Brussell, fil-Lussemburgu u fi Strażburgu, kif ukoll l-Uffiċċji ta' Kollegament u l-faċilitajiet tal-Europa Experience fl-Istati Membri; jinnota li d-DĠ INLO jipprovdi wkoll l-catering u t-trasport, u jimmaniġġja u jgħammar l-uffiċċju tal-Parlament u l-ispazji tal-laqgħat; jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2022, kien hemm 652 membru tal-persunal, li minnhom 267 kienu uffiċjali, 47 kienu aġenti temporanji u 338 kienu aġenti kuntrattwali;

82. Jinnota li fl-2022 l-approprjazzjonijiet finali tad-DĠ INLO ammontaw għal EUR 271 191 093, li jirrappreżentaw 12,5 % tal-baġit tal-Parlament; jenfasizza li, minn dak l-ammont, ġie impenjat total ta' EUR 269 189 287; jilqa' l-użu għoli tal-approprjazzjonijiet; jinnota li l-linji baġitarji fejn ir-rata ta' konsum kienet anqas minn 95 % kienu fl-oqsma tal-mobbiltà, sejħa għall-offerti li ma kellhiex suċċess għax-xiri ta' vetturi, u attività anqas milli mistennija minħabba l-pandemija tal-COVID-19, li rriżultat f'nefqa aktar baxxa għal-laqgħat interni;

83. Jirrikonoxxi li "l-Istrateġija tal-Bini tal-Parlament lil hinn mill-2019" tipprovdi qafas koerenti għad-deċiżjonijiet u tikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni tal-portafoll tal-proprjetà immobbli tal-Parlament filwaqt li tadatta l-faċilitajiet għall-evoluzzjoni tax-xejriet tal-laqgħat, tkun fil-livell lokali u eqreb lejn iċ-ċittadini permezz tal-implimentazzjoni gradwali taċ-Ċentri tal-Europa Experience, ittejjeb is-sigurtà għall-bini tal-Parlament, u tikseb l-interkonnessjoni tal-bini ċentrali tiegħu; jinnota li l-maġġoranza tal-politiki u l-azzjonijiet imsemmija fl-Istrateġija tal-Bini attwali huma lesti jew għaddejjin sew;

84. Jenfasizza l-ħtieġa ta' ġestjoni effettiva u orjentata lejn ir-riżultati tal-faċilitajiet tal-bini tal-Parlament; jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu bir-riżultati tal-valutazzjoni tal-bini tal-2022, kif ikkomunikati lill-Bureau f'Ġunju 2022 fil-forma ta' passaporti tal-bini, fejn il-punteġġ tal-indiċi tal-Prestazzjoni tal-Enerġija Retrofit tal-Kwalità tal-Ambjent ta' Ġewwa (EPIQR) kien biss ta' 0,1, li b'hekk juri l-kundizzjoni ġenerali eċċellenti tagħhom u tal-ipprogrammar ta' manutenzjoni u żamma effettiv, preventiv u korrettiv mis-servizzi kompetenti tal-Parlament fil-qafas tal-Istrateġija Integrata għall-Ġestjoni tal-Faċilitajiet li tiffoka fuq il-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-portafoll tal-bini tal-Parlament, adottata mill-Bureau fit-8 ta' Marzu 2021;

85. Jilqa' l-impenn tad-DĠ INLO li jistabbilixxi soluzzjonijiet ambjentalment sostenibbli; jinnota li, fl-2022, il-Parlament iġġenera aktar minn 19 % tal-enerġija tiegħu stess minn sorsi rinnovabbli; jilqa' t-twettiq ta' studju dwar il-produzzjoni tal-elettriku fuq il-post fi Strażburgu fl-2022 u l-implimentazzjoni sussegwenti u li għada għaddejja ta' 1 400 m^2 ta' pannelli fotovoltajċi fuq il-binjiet PFLIMLIN, DE MADARIAGA, u CHURCHILL. Jisħaq li l-Parlament jista' jikkondividi din l-enerġija mal-belt ta' Strażburgu meta l-bini tal-Parlament ikun fil-biċċa l-kbira vojt; jistieden lill-Bureau jqis ukoll li jikri l-uċuħ tal-bjut lil utenti esterni għall-installazzjoni ta' pannelli solari u b'hekk dawn jintużaw bħala sors addizzjonali ta' introjtu għall-Parlament;

86. Jinnota l-ftuħ tal-Parti tal-Lvant tal-binja ADENAUER fil-Lussemburgu fl-10 ta' Mejju 2022, li flimkien mat-tħaddim tal-Parti tal-Punent wara t-tlestija tal-kostruzzjoni tagħha fl-2024 se jipprovdu binja waħda biex tospita s-servizzi kollha tal-Parlament li jinsabu fil-Lussemburgu f'post wieħed;

87. Jinnota l-ftuħ tal-15-il kamra għas-seminars għall-viżitaturi, agora b'diversi skopijiet u Sakharov Lounge fil-binja ZWEIG li se jikkontribwixxu għal esperjenza mtejba tal-viżitaturi fil-Parlament Ewropew ġewwa Brussell; jinnota t-tlestija tal-passaġġ li jgħaqqad il-binja ZWEIG mal-bini tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew;

88. Jilqa' l-isforzi tal-Parlament biex iħeġġeġ lill-persunal juża mezzi ta' trasport sostenibbli għall-ivvjaġġar billi jqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom għadd akbar ta' roti tradizzjonali u elettriċi mingħajr ħlas u billi jirrimborża parti mill-ispiża tal-biljetti tat-trasport pubbliku bi skambju għal limitazzjoni tal-aċċess għall-parkeġġ tal-karozzi; jilqa' l-iskema l-ġdida li toffri tnaqqis fil-prezz ta' 90 % għall-biljetti tat-trasport pubbliku staġjonali ta' Brussell u li wasslet għal żieda ta' 26,57 % tal-persunal li juża biljett staġjonali kofinanzjat mill-Parlament;

89. Jilqa' l-possibbiltà li l-persunal juża u jikri roti standard u elettriċi matul is-sessjonijiet parzjali fi Strażburgu; jilqa' l-espansjoni tal-flotta tar-roti; jiddispjaċih li fil-prattika r-roti jiġu bbukkjati kollha kemm huma jiem qabel; jistieden lill-Parlament jeżamina l-possibbiltà li jiġu offruti aktar roti tal-kiri fi Strażburgu u jiġu estiżi l-perjodi ta' żmien għal meta jinġabru ħalli tiġi ssodisfata d-domanda tal-Membri u l-persunal u jingħata kontribut għat-tisħiħ tal-mobilità sostenibbli;

90. Jilqa' l-fatt li l-perċentwal ta' karozzi ibridi b'emissjonijiet żero jew plug-in fil-flotta tas-servizz tat-trasport tal-persuni żdied minn 81 % fl-2021 għal 97 % fl-2022;

91. Jirrimarka li fl-2022 sehem kbir mis-sits disponibbli fil-flotta tal-vetturi li jivvjaġġaw bejn Brussell u Strasburgu għas-sessjonijiet plenarji baqa' mhux okkupat; itenni t-talba tiegħu lill-amministrazzjoni tal-Parlament biex twessa' l-grupp ta' utenti u tippermetti lill-persunal tal-Parlament jivvjaġġa lejn u minn Strasburgu bil-flotta tas-servizz mingħajr il-preżenza ta' Membru, filwaqt li tiżgura li s-sits tal-Membri jkunu żgurati;

92. Jirrikonoxxi l-importanza u l-valur miżjud taċ-ċertifikazzjoni EMAS tal-Parlament fir-rigward tal-approċċ istituzzjonali tiegħu dwar l-ambjent sostenibbli u l-ekonomija ċirkolari; jinnota l-miżuri ta' ffrankar tal-ilma u ta' ġestjoni tal-iskart meħuda mill-amministrazzjoni għal dak il-għan;

93. Jieħu nota tad-deċiżjoni unanima tal-Bureau tat-23 ta' Ottubru 2019 li japprova l-ħolqien ta' IDEA Lab bil-għan li jiġu ttestjati soluzzjonijiet ġodda u innovattivi fil-kuntest tal-ġestjoni tal-faċilitajiet u tal-uffiċċji; jilqa' l-ħolqien ta' laboratorju permanenti għall-innovazzjoni li potenzjalment jista' jwassal għal iffrankar fi proġetti futuri ta' rinnovazzjoni u jappella biex tiġi stabbilita linja baġitarja separata; jirrimarka li IDEA Lab suppost ikun disponibbli għall-Membri u jitlob li l-Membri jiġu nfurmati dwar l-innovazzjonijiet u soluzzjonijiet ittestjati li se jiġu introdotti fil-futur u dawk li ma jiġux segwiti aktar u għal liema raġunijiet; huwa tal-fehma li waħda mill-prijoritajiet tal-IDEA Lab għandha tkun soluzzjoni arkitettonika innovattiva biex isir użu aħjar mill-ispazju okkupat mid-doċċi mhux użati fl-uffiċċji tal-Membri; jistieden lill-grupp ta' ħidma tal-Bureau dwar il-binjiet u lill-amministrazzjoni tal-Parlament jiżguraw trasparenza akbar rigward ilbaġit ta' IDEA Lab u jippreżentaw regolarment lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit il-lista ta' soluzzjonijiet innovattivi, il-kost tagħhom u l-feedback li ġġeneraw, kif ukoll l-iffrankar potenzjali jekk jiġu implimentati;

94. Jinnota d-diversi proġetti u xogħlijiet relatati mal-aċċessibbiltà implimentati fit-tliet siti ta' ħidma kollha kif ukoll fl-EPLOs u fiċ-Ċentri tal-Europa Experience li għandhom l-għan li jiżguraw konformità totali mal-qafas regolatorju applikabbli f'konformità mal-impenn tal-Parlament li jkun istituzzjoni mingħajr ostakli, aċċessibbli għal kulħadd;

95. Jirrikonoxxi li minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-kriżi tal-enerġija, it-tfixkil fil-katina tal-provvista u n-nuqqas ta' materja prima ġiegħlu lid-DĠ INLO jirrieżamina l-proġetti tiegħu u jaġġusta l-baġit tiegħu; jirrimarka li minħabba d-defiċit li rriżulta fil-baġit tal-enerġija, id-DĠ INLO kellu jiffriża jew iwaqqaf xi proġetti biex jillibera r-riżorsi meħtieġa ħalli jlaħħaq maż-żieda għolja fil-prezzijiet;

96. Jinnota l-miżuri implimentati sabiex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-Parlament, bħat-tnaqqis tat-temperaturi massimi tat-tisħin fiż-żoni tal-uffiċċji u ż-żieda tat-temperaturi minimi tat-tkessiħ, it-tifi tas-sistemi tat-tisħin u tat-tkessiħ matul tmiem il-ġimgħa u l-vaganzi pubbliċi, it-tnaqqis tad-dawl tal-faċċati tal-bini u t-tnaqqis tal-livelli tad-dawl ta' ġewwa; jirrikonoxxi li l-miżuri għandhom jiġu vvalutati mill-ġdid hekk kif tevolvi l-kriżi tal-enerġija u għandhom dejjem jiggarantixxu l-benesseri tal-persunal;

97. Jirrikonoxxi li l-miżuri differenti stabbiliti mill-amministrazzjoni wara d-deċiżjonijiet rilevanti tal-Bureau ta' Mejju u Ottubru 2022 irriżultaw fi tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-enerġija li jammonta għal iffrankar ta' EUR 10,5 miljun minn Mejju 2022 sa Ottubru 2023;

98. Jirrikonoxxi li matul l-2022 id-DĠ INLO kompla l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Bini tal-Parlament lil hinn mill-2019; jinnota l-kontribut tax-xiri tal-bini TRÈVES II fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija u l-konsolidazzjoni tal-proprjetà immobbli tal-Parlament, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi permessa l-interkonnettività tal-binjiet ċentrali tal-Parlament fi Brussell; jitlob skeda ta' żmien għall-interkonnessjoni bejn TRÈVES I u TRÈVES II mal-binjiet ċentrali ewlenin fi Brussell;

99. Ifaħħar lill-Parlament għax-xogħlijiet ta' adattament għall-aċċessibbiltà li twettqu fil-bini ta' Brussell bejn l-2017 u l-2022 u li ammontaw għal EUR 3,3 miljun b'mod ġenerali ([5]); jilqa' l-fatt li t-tribuna fiż-żona tal-viżitaturi tal-emiċiklu fil-bini SPAAK issa hija aċċessibbli għall-persuni b'mobilità mnaqqsa; ifakkar li l-Unjoni minn dejjem kienet minn ta' quddiem fil-promozzjoni tal-inklużività u l-ugwaljanza għaċ-ċittadini kollha tagħha; ifakkar li kull ċittadin Ewropew għandu jkollu aċċess ugwali meta jżur l-istituzzjonijiet tal-Unjoni; jistieden lill-Parlament ikompli l-analiżi tal-ħtiġijiet tal-viżitaturi b'diżabilità u jitlob li l-miżuri xierqa jiġu implimentati;

100. Jinnota l-minuti tal-Bureau tal-laqgħa addizzjonali tas-6 ta' Lulju 2022 li fiha l-Bureau ħa nota u approva r-riżultati tal-Kompetizzjoni Internazzjonali tad-Disinn Arkitettoniku għat-Tigdid tal-binja SPAAK; jinnota li ħames kandidat li rnexxew ġew approvati mill-Bureau; jinnota li ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni oħra matul l-2022 dwar dan is-suġġett u għalhekk ma kien hemm l-ebda konsegwenza finanzjarja, filwaqt li fl-istess ħin jisħaq fuq l-urġenza dejjem akbar biex ix-xogħlijiet ta' tiġdid jinbdew malajr kemm jista' jkun; jenfasizza li fl-14 ta' Frar 2024 il-pjanijiet finali biex jinbdew ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ġew approvati malajr fil-livell tal-kumitat, minħabba l-kundizzjoni li qed tiddeterjora tal-bini; jisħaq li l-bini attwali għandu klassifikazzjoni baxxa ħafna tal-effiċjenza enerġetika u huwa nieqes mill-flessibbiltà tant meħtieġa biex ikun adattat għall-iskop tiegħu; jenfasizza li l-Parlament Ewropew għandu jkun minn ta' quddiem bil-portafoll immobiljari tiegħu stess f'termini ta' effiċjenza enerġetika u sostenibbiltà biex jissalvagwardja l-appoġġ taċ-ċittadini għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku; jinnota li r-rinnovazzjoni twassal għal iffrankar sinifikanti fl-ispejjeż ta' diversi miljuni ta' EUR fis-sena u barra minn hekk tgħin biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tad-Direttivi Ewropej futuri dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija;

101. Jieħu nota wkoll tad-deċiżjoni tal-Bureau tas-6 ta' Lulju 2022, dwar l-istrateġija tal-bini għal Strażburgu, li tiffoka fuq it-titjib tal-kapaċità tal-ospitar u tal-akkomodazzjoni, l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-bini tal-Parlament, it-tisħiħ tal-aċċessibbiltà u l-konsolidazzjoni tal-funzjonalità tal-persunal;

102. Jinnota li l-kantin self-service tal-Parlament fis-sular −1 tal-bini Spinelli spiss ikun iffullat wisq fil-ħinijiet l-aktar intensivi, u dan jirriżulta f'ħinijiet ta' stennija u kjuwijiet twal; jistieden lill-Bureau jirrifletti dwar l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-kantins fil-binjiet ewlenin tal-Parlament għall-gruppi ta' viżitaturi u l-viżitaturi esterni; jinsab imħasseb dwar il-proporzjon mhux sodisfaċenti bejn il-prezz u l-kwalità u b'mod partikolari n-nuqqas ta' għażliet veġetarjani affordabbli; jitlob lill-amministrazzjoni tipproponi soluzzjonijiet biex tirrimedja dik is-sitwazzjoni;

103. Jinnota li fl-2022, wara li tneħħew ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità relatati mal-COVID, l-offerta ta' sits (seats) fil-flotta tas-servizz li tmur nhar ta' Tnejn minn Brussell għal Strażburgu kienet ta' 250 u li għal kull ġimgħa tas-sessjoni parzjali fl-2022, medja ta' 162 sit jew 65 % tas-sits disponibbli fil-flotta kienu okkupati; itenni t-talba tiegħu lill-amministrazzjoni tal-Parlament biex twessa' l-użu tas-sits filwaqt li tiżgura li s-sits tal-Membri jkunu żgurati biex tiġi evitata l-ħela tar-riżorsi;

([5]) Nota mill-Grupp ta' Ħidma dwar "Il-Bini, it-Trasport u Parlament ekoloġiku" lill-Bureau ((2023)10939, § 16).

Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni

104. Ifakkar li d-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni (DĠ TRAD) huwa responsabbli għall-forniment ta' leġiżlazzjoni multilingwi ta' kwalità għolja u servizzi lingwistiċi oħra lill-Parlament Ewropew, lis-servizzi tal-Parlament u liċ-ċittadini kollha tal-Unjoni, abbażi tal-prinċipju ta' multilingwiżmu sħiħ effiċjenti fir-riżorsi; jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2022, kien hemm 1 109 membri tal-persunal, li 945 minnhom kienu uffiċjali, 97 kienu aġenti temporanji, 66 kienu aġenti kuntrattwali u 1 kien membru tal-persunal ta' aġenzija;

105. Jinnota li l-approprjazzjonijiet finali tad-DĠ TRAD ammontaw għal EUR 17 105 500 fl-2022, u dan jirrappreżenta 0,8 % tal-baġit tal-Parlament; jenfasizza li, minn dak l-ammont, ġie impenjat total ta' EUR 16 834 967; jilqa' l-użu għoli tal-approprjazzjonijiet;

106. Jilqa' l-impenn tad-DĠ TRAD li jipprovdi servizzi lingwistiċi ta' kwalità għolja fil-ħin; jinnota b'sodisfazzjon li, fl-2022, ġew tradotti aktar minn 2,89 miljun paġna grossa, u dan jirrappreżenta żieda ta' 26 % meta mqabbla mal-2021; jinnota b'sodisfazzjon li l-maġġoranza vasta tax-xogħol twettaq fil-ħin (98,5 % f'ċirkostanzi normali u 98,6 % meta t-talbiet ma kinux f'konformità mar-regoli);

107. Jilqa' l-promozzjoni u l-produzzjoni tal-kontenut tad-DĠ TRAD bil-"Lingwa taċ-ċittadini", l-approċċ tal-Parlament stess għal lingwaġġ ċar adattat għall-ħtiġijiet tan-nies fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni; jilqa' l-istabbiliment ta' tim tal-lingwa Ukren, li jipprovdi servizzi lingwistiċi fl-Ukrajna, inklużi t-traduzzjonijiet, il-prodotti tal-awdjo u s-sottotitoli għal sit web iddedikat;

108. Ifakkar fit-talba tal-komunità tal-persuni torox, li ilha sa mill-2016, għall-possibbiltà li tressaq petizzjonijiet lill-Parlament bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali tal-UE; jisħaq li l-miżura kieku tippermetti lill-komunità tal-persuni torox tesprimi d-dritt tagħha ta' petizzjoni, li huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej kollha, minqux kemm fit-Trattat kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jinnota l-analiżi mwettqa mid-DĠ LINC u d-DĠ ITEC dwar l-aktar soluzzjoni effiċjenti bi spiża minima mibgħuta lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet f'Mejju 2020; jistieden lill-amministrazzjoni tadotta din is-soluzzjoni u tiffaċilita s-sottomissjoni ta' petizzjonijiet espressi fil-lingwi tas-sinjali nazzjonali tal-UE permezz tal-Portal tal-Petizzjonijiet;

109. Jinnota b'sodisfazzjon it-tlestija b'suċċess tal-ewwel ċiklu tal-kompetizzjoni miftuħa għall-professjonisti interkulturali u lingwistiċi, li jkopri 11-il lingwa, u organizzat mid-DĠ TRAD u mid-DĠ PERS; jenfasizza li d-DĠ TRAD beda wkoll jimpjega kandidati li kellhom suċċess fl-ewwel kompetizzjoni miftuħa tiegħu li qatt saret għal professjonisti tal-lingwaġġ ċar; jilqa' l-fatt li l-kooperazzjoni ħaffet b'mod sinifikanti r-reklutaġġ ta' uffiċjali bi kwalifiki għoljin li għandhom profili aġġornati u li jħarsu 'l quddiem;

110. Ifakkar li l-lingwi uffiċjali li għandhom jintużaw mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni huma stabbiliti fir-Regolament Nru 1 ([6]); jirrikonoxxi li d-DĠ TRAD jiżgura li l-kontenut proċedurali tal-Parlament ikun disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali u ta' ħidma kollha tal-Unjoni; jilqa' l-ħidma eċċezzjonali mwettqa mill-interpreti fl-2022, biex jiġi żgurat, kemm jista' jkun, li d-dibattiti pubbliċi jiġu interpretati fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni; jisħaq li, fl-ambitu tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, il-Membri għandhom id-dritt li jitkellmu bi kwalunkwe waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni, u dan jirrifletti d-diversità kulturali u lingwistika Ewropea u barra minn hekk jagħmel lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni aktar aċċessibbli u trasparenti għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni; jinnota li lingwa ta' ħidma waħda b'mod partikolari spiss tintuża b'mod wiesa' fil-ħidma tal-Parlament; jitlob li l-multilingwiżmu jiġi rispettat billi jiġi żgurat, meta dan ikun meħtieġ, għadd adegwat ta' persunal tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni;

111. Jenfasizza li d-DĠ TRAD huwa l-awtorità lingwistika tal-Parlament Ewropew, kemm billi jappoġġja l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni multilingwi kif ukoll billi jikkontribwixxi għall-komunikazzjoni multilingwi b'lingwaġġ ċar maċ-ċittadini tal-Unjoni tal-Membri billi jintroduċi standards għal lingwaġġ ċar;

Direttorat Ġenerali għal-Loġistika u l-Interpretazzjoni għall-Konferenzi

112. Ifakkar li d-Direttorat Ġenerali għal-Loġistika u l-Interpretazzjoni għall-Konferenzi (DĠ LINC) huwa responsabbli biex jipprovdi appoġġ lingwistiku, tekniku u loġistiku għal-laqgħat u għall-konferenzi; jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2022, kien hemm 554 membru tal-persunal, li minnhom 443 kienu uffiċjali, 29 kienu aġenti temporanji u 82 kienu aġenti kuntrattwali; jenfasizza li l-kwalità tal-interpretazzjoni pprovduta għandha impatt dirett fuq il-messaġġ li jintbagħat liċ-ċittadini tal-Unjoni;

([6]) Ir-Regolament Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385/58).

113. Jinnota li fl-2022 l-approprjazzjonijiet finali tad-DĠ LINC ammontaw għal EUR 79 569 347, u dan jirrappreżenta 3,7 % tal-baġit tal-Parlament; jenfasizza li, minn dak l-ammont, ġie impenjat total ta' EUR 79 282 501; jilqa' l-użu għoli tal-approprjazzjonijiet;

114. Jenfasizza li d-domanda għas-servizzi tad-DĠ LINC bdiet tiżdied b'mod konsiderevoli mill-bidu tal-2022 waqt li r-restrizzjonijiet tal-COVID-19 kienu għadhom stabbiliti; jirrikonoxxi li dan għamel pressjoni fuq ir-riżorsi peress li kienu meħtieġa aktar interpreti, appoġġ tekniku u operazzjonijiet kumplessi ta' ppjanar minħabba t-tbegħid soċjali u restrizzjonijiet oħra; jinnota li l-effetti tal-inflazzjoni kellhom impatt fuq ir-remunerazzjoni tal-aġenti interpreti tal-konferenzi esterni; jinnota li ż-żieda fl-ispiża tal-interpretazzjoni ġiet parzjalment immitigata mill-interpretazzjoni mill-bogħod tas-sessjonijiet plenarji ta' Strażburgu minn Brussell; bil-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, primarjament kwalità tal-ħoss aħjar u limitazzjoni fuq l-għadd u d-durata tas-sigħat ta' interpretazzjoni ta' kelliema mill-bogħod;

115. Jieħu nota li r-rappreżentanti tal-interpreti kkontestaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għall-interpretazzjoni għall-parteċipanti mill-bogħod minħabba l-impatt fuq is-saħħa u l-benesseri tal-interpreti li rriżulta minn interpretazzjoni mill-bogħod għal perjodi twal ta' żmien, b'mod partikolari l-problemi ta' smigħ irrappurtati; ifakkar fid-dmir ta' diliġenza dovut mill-istituzzjonijiet Ewropej lill-ħaddiema tagħhom; jenfasizza li l-azzjoni industrijali li rriżultat fis-sajf u fil-ħarifa tal-2022 wasslet għal waqfien fl-interpretazzjoni, li affettwat lill-kelliema mill-bogħod; jirrimarka li l-Arranġamenti ta' Ħidma Interim għall-Interpreti għal laqgħat b'parteċipazzjoni mill-bogħod daħlu fis-seħħ fis-17 ta' Ottubru 2022; jinnota li dawn ippermettew it-tkomplija tal-interpretazzjoni għall-kelliema mill-bogħod filwaqt li żammew is-sigħat imnaqqsa ta' xogħol ta' kull ġimgħa għall-interpreti, u b'hekk irriżultaw fi tnaqqis tal-forniment tas-servizz; jinnota li d-djalogu soċjali li għandu l-għan li jistabbilixxi qafas permanenti u restawr sħiħ tas-servizzi ta' interpretazzjoni kien għadu għaddej fi tmiem l-2022 u ġie konkluż fl-2023;

116. Jilqa' l-fatt li, fl-2022, id-DĠ LINC kien kapaċi jikkonsolida l-forniment tiegħu ta' servizzi ta' interpretazzjoni filwaqt li jadatta għall-ambjent regolatorju diffiċli; jinnota b'sodisfazzjon li d-DĠ LINC kellu total ta' 5 278 laqgħa parlamentari bl-interpretazzjoni u ta medja ta' 5 266 siegħa ta' interpretazzjoni għal kull ġimgħa tax-xogħol, żieda minn 4 172 laqgħa u 4 039 siegħa ta' interpretazzjoni kull ġimgħa fl-2021; jinnota li dan għadu taħt il-medji ta' qabel il-COVID tal-2017 u l-2018;

117. Ifakkar fl-Artikolu 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; itenni t-talba li ilu jagħmel lis-Segretarju Ġenerali biex janalizza l-fattibbiltà tal-interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali internazzjonali għad-dibattiti plenarji kollha u biex jimplimenta din it-talba mingħajr dewmien; jemmen, barra minn hekk, li t-trażmissjoni mill-ġdid tas-sessjonijiet plenarji fil-lingwi tas-sinjali użati f'kull Stat Membru żżid il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fil-proċess demokratiku tal-UE; jenfasizza l-importanza li jintużaw għodod diġitali, inklużi apparati ta' assistenza li jaħdmu bl-IA; jinsisti wkoll fuq il-ħtieġa ta' informazzjoni aċċessibbli permezz ta' formati li jinqraw faċilment, pittogrammi u teknoloġiji ġodda, għall-persuni kollha b'diżabilità;

Direttorat Ġenerali għall-Finanzi

118. Ifakkar li d-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi (DĠ FINS) huwa l-korp amministrattiv responsabbli għall-affarijiet baġitarji u finanzjarji tal-Parlament; jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2022, kien hemm 246 membru tal-persunal, li minnhom 149 kienu uffiċjali, 27 kienu aġenti temporanji, 63 kienu aġenti kuntrattwali u 7 kienu membri tal-persunal ta' aġenzija;

119. Jinnota li fl-2022 l-approprjazzjonijiet finali tad-DĠ FINS ammontaw għal EUR 396 723 134, u dan jirrappreżenta 18,4 % tal-baġit tal-Parlament; jenfasizza li, minn dak l-ammont, ġie impenjat total ta' EUR 395 647 243; jilqa' l-użu għoli tal-approprjazzjonijiet;

120. Jinnota li, fl-2022, ħafna mill-kompiti li għalihom huwa responsabbli d-DĠ FINS ftit jew wisq irritornaw għal-livelli ta' qabel il-pandemija; jinnota li l-gwerra fl-Ukrajna kellha impatt tanġibbli fuq l-attivitajiet tad-DĠ FINS, li jirrikjedi reżiljenza u adattabbiltà sabiex tiġi żgurata l-kontinwità ta' ċerti attivitajiet fil-Parlament permezz tal-mobilizzazzjoni u r-riallokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jiġi indirizzat ix-xokk inflazzjonarju;

121. Jilqa' l-fatt li b'rispons għaż-żieda sinifikanti fl-inflazzjoni u fir-rati tal-imgħax, kif ukoll għall-kriżi globali tal-enerġija, id-DĠ FINS għamel is-superviżjoni tiegħu tal-livelli ta' utilizzazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-baġit aktar stretta u kellu jieħu miżuri eċċezzjonali biex jiżgura l-kontinwità tal-operat tal-Parlament, inkluż permezz ta' diversi riallokazzjonijiet baġitarji u talba għal baġit emendatorju f'Novembru 2022;

122. Jinnota b'sodisfazzjon li d-DĠ FINS kien kapaċi jisfrutta l-effiċjenza tal-proċessi tiegħu u l-impenn tal-persunal tiegħu biex jiżgura l-kontinwità tas-servizzi li għalihom huwa responsabbli u l-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fil-programm ta' ħidma annwali tiegħu; jinnota t-tħassib espress mill-Membri dwar dewmien bla bżonn u spiss sinifikanti fl-ipproċessar tar-rimborżi, b'medja ta' żmien għar-rimborż tal-allowances għall-ivvjaġġar u għas-sussistenza li tlaħħaq l-40 jum; jilqa' l-fatt li l-Parlament qed jimmodernizza b'mod kostanti l-proċessi tiegħu sabiex joffri servizzi aħjar lill-Membri billi japplika l-awtomatizzazzjoni, is-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni; jistieden lid-DĠ FINS ikompli jħaffef il-flussi tax-xogħol biex jipprovdi proċeduri aktar mgħaġġla; b'mod partikolari billi jara li l-aġenti tiegħu jkollhom l-għodod u s-software meħtieġa biex jimmaniġġjaw it-tagħbijiet tax-xogħol b'mod effiċjenti, u b'hekk jitnaqqas il-ħin tal-ipproċessar;

123. Jirrikonoxxi l-ħidma tal-assistenti lokali bħala parti essenzjali mill-attivitajiet tal-Membri fil-kostitwenzi tagħhom u bħala l-ewwel punt ta' kuntatt għaċ-ċittadini; jisħaq li l-proċess ta' reklutaġġ u ta' ffirmar tal-kuntratti għall-assistenti lokali issa ilu dejjem aktar diffiċli għal xi snin minħabba għadd kbir ta' talbiet amministrattivi li rriżultaw f'kontrolli doppji u rekwiżiti mhux ċari; jisħaq li d-DĠ FINS għandu jirrikonoxxi li l-assistenti lokali huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni nazzjonali u għalhekk jitlob lill-uffiċċji speċifiċi għall-pajjiż jieħdu ħsieb il-proċess ta' reklutaġġ; ifakkar ukoll li l-attivitajiet volontarji u politiċi tal-assistenti lokali, skont ir-regoli stabbiliti mill-Parlament Ewropew, spiss ikunu okkupazzjonijiet regolari, li m'għandhomx jeħtieġu kontrolli bla bżonn;

124. Jinnota l-involviment tad-DĠ FINS fil-bidliet fil-qafas regolatorju għall-finanzjament tal-istrutturi politiċi; jilqa' l-fatt li kkontribwixxa għall-abbozzar tal-proposta adottata mill-Bureau f'Lulju 2022 biex jiġu emendati r-regoli dwar l-użu ta' approprjazzjonijiet relatati mal-finanzjament tal-gruppi politiċi; jinnota li l-emenda tqis is-sitwazzjoni kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 u tipprovdi, bħala eċċezzjoni, metodu għaż-żamma tal-limitu massimu tar-riporti mill-2022 sal-2023 ta' fondi mhux minfuqa fil-livell ta' 75 % minflok 50 %; jinnota b'sodisfazzjon li d-DĠ FINS kien involut ukoll fil-ħidma dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]);

125. Jilqa' l-isforzi sostnuti li saru matul l-2022 biex jiġu diġitalizzati l-proċessi, inkluż l-iżvilupp ta' funzjonalitajiet ġodda u t-tfassil mill-ġdid tal-applikazzjoni e-Portal; jinnota b'sodisfazzjon li, bħala riżultat ta' dan, ir-rata tal-użu tal-applikazzjoni żdiedet;

126. Ifakkar li l-COVID fit-tul jirrikjedi kura fit-tul u għadu soġġett għal attivitajiet ta' riċerka intensivi; jinnota li hemm pazjenti fit-tul fost l-APAs, il-persunal u l-Membri tal-Parlament tal-UE, li jeħtieġu assistenza kontinwa; jiddispjaċih li r-regoli attwali tal-JSIS ma jipprevedux rimborżi adegwati u dan ħalli lil dawk ikkonċernati b'piż finanzjarju enormi; jisħaq li kundizzjonijiet mhux favorevoli simili japplikaw għal ħafna persuni b'mardiet awtoimmuni, li mhumiex rikonoxxuti b'mod xieraq; jistieden lid-DĠ FINS u lill-PMO jimmodifikaw ir-regoli ta' rimborż biex jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet tagħhom;

127. Jilqa' l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma dwar suġġetti speċifiċi ta' akkwist pubbliku, inklużi l-ġestjoni tal-prezzijiet tal-kuntratti u l-ġestjoni tal-frodi; jinnota l-istudji komparattivi u ta' fattibbiltà li kkonkludew favur il-mudell tal-Kummissjoni bbażat fuq l-akkwist elettroniku;

128. Jinnota li d-DĠ FINS jikkoordina s-servizzi konnessi mal-organizzazzjoni tal-ivvjaġġar imfassla apposta skont il-ħtiġijiet tal-Membri u s-servizzi amministrattivi kollha tal-Parlament, inkluża l-aġenzija tal-ivvjaġġar; jilqa' l-fatt li d-DĠ FINS, bi sħubija mal-aġenzija tal-ivvjaġġar, għamel sforzi biex tiġi awtomatizzata l-ġestjoni tar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar bil-ferrovija tal-Membri; jinnota li l-2022 kienet is-sena ta' qabel tal-aħħar qabel jintemm il-kuntratt tal-aġenzija attwali; itenni li l-aġenzija l-ġdida magħżula għandha tkun tista' toffri soluzzjonijiet aktar flessibbli u bi prezz tajjeb għall-Membri li huma simili għall-offerti li dawn jistgħu jsibu fis-suq miftuħ;

129. Jinsab imħasseb li fl-2022, instabu ħames każijiet ta' suspett ta' frodi fejn allegatament il-Membri ddikjaraw mezz speċifiku ta' trasport filwaqt li fil-fatt użaw wieħed irħas; jinnota li mistennija jinħarġu żewġ ordnijiet ta' rkupru li jammontaw għal EUR 39 807 u li l-każijiet l-oħra bħalissa qed ikomplu jiġu investigati, u li dawn ikopru diversi snin baġitarji u jistgħu jammontaw għal EUR 801 000;

([7]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1).

130. Jinnota t-tħabbira fil-laqgħa tal-Bureau tas-7 ta' Marzu 2022 dwar l-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma ad hoc tal-Bureau dwar l-Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali (GEA), li ngħata l-kompitu li jevalwa l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Bureau tat-2 ta' Lulju 2018 li tistabbilixxi lista ta' spejjeż li jistgħu jitħallsu mill-GEA abbażi tal-esperjenza miksuba matul id-disa' leġiżlatura; josserva li l-Bureau, fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2022, adotta sett ta' emendi għall-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri (IMMS), li bihom iċċara r-regoli applikabbli għall-intitolament u l-użu tal-GEA u miżuri li għandhom l-għan li jżidu t-trasparenza u jipprovdu aktar ċertezza tad-dritt rigward l-intitolament għall-allowance; jenfasizza li l-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* intalab iqis kif xieraq l-aspetti tat-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi disponibbli għall-Membri, filwaqt li jqis il-prinċipju tal-libertà u l-indipendenza tal-mandat parlamentari u l-objettiv li ma jinħolqux piżijiet amministrattivi bla bżonn għall-Membri, l-uffiċċji tagħhom u s-servizzi tal-Parlament;

131. Jirrimarka li fl-2022 kien hemm biss 32 dikjarazzjoni volontarja dwar l-użu tal-GEA sottomessi minn 26 Membru, li minnhom 29 kien fihom rapport tal-awditur; jilqa' l-isforzi tas-Segretarjat biex iħeġġeġ lill-Membri tal-PE jagħmlu użu akbar minn dawn l-għażliet;

132. Jenfasizza li l-Membri huma liberi li jiddokumentaw l-użu tagħhom tal-fondi fl-ambitu tal-GEA, fid-dettall jew skont it-tip ta' spiża, waħedhom jew bl-appoġġ ta' awditur estern, u li jippubblikaw din l-informazzjoni kompletament jew parzjalment fuq il-paġna online tagħhom fuq is-sit web tal-Parlament f'konformità mal-Artikolu 11, il-paragrafu 2, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew; jilqa' l-fatt li lista simplifikata ta' tipi ta' spejjeż hija integrata fl-IMMS u li ġiet adottata wkoll emenda li tiċċara l-possibbiltà li l-Membri jużaw il-GEA fil-każ ta' eżawriment ta' allowances oħra;

133. Ifakkar li l-OLAF għandu l-mandat li jinvestiga suspetti ta' kondotta ħażina serja mill-persunal tal-Unjoni u mill-membri tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inkluż ksur possibbli tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew; jinnota li fl-2022 ma kien hemm l-ebda każ li fih l-OLAF talab aċċess għall-uffiċċji jew għall-kontijiet tal-email tal-Membri; jinnota li tista' tiġi kkompletata proċedura biex jissaħħaħ il-mandat tal-OLAF fil-Parlament f'każijiet ta' suspetti sostanzjati rigward Membri individwali meta dan ikun strettament meħtieġ u proporzjonat għall-investigazzjoni u b'rispett sħiħ għall-kunfidenzjalità skont il-prinċipju tal-immunitajiet kif stabbilit fil-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea; itenni t-talba tiegħu lill-Bureau biex jistabbilixxi tali proċedura mingħajr dewmien;

134. Jinnota li, fl-2022, l-OLAF investiga 32 każ li jinvolvu lill-Parlament dwar kwistjonijiet relatati, b'mod partikolari, mad-drittijiet finanzjarji u soċjali tal-Membri, il-finanzjament tal-istrutturi politiċi u t-twettiq tal-obbligi professjonali mill-persunal; jenfasizza li l-OLAF ħareġ 14-il rapport, li whud minnhom kellhom aktar minn rakkomandazzjoni waħda, li minnhom 5 kienu jinkludu rakkomandazzjonijiet finanzjarji, 5 kienu jinkludu rakkomandazzjonijiet dixxiplinari, 1 kien jinkludi rakkomandazzjonijiet amministrattivi, u 7 ma kienu jinkludu l-ebda rakkomandazzjoni; jieħu nota li fl-2022 l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) investiga 4 każijiet li jinvolvu lill-Parlament dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet finanzjarji u soċjali tal-Membri, u l-finanzjament tal-istrutturi politiċi; jinnota li l-ebda waħda mill-investigazzjonijiet imwettqa mill-UPPE fl-2022 ma ġiet konkluża fl-istess sena; jistaqsi lill-amministrazzjoni, sa fejn huwa legalment possibbli, jekk ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-OLAF ġewx implimentati bis-sħiħ u jekk l-ammonti f'riskju ġewx irkuprati, u jitlobha wkoll tipprovdi sommarju, mingħajr ebda data sensittiva, tat-tipoloġija tal-każijiet investigati sabiex ikunu jistgħu jinsiltu konklużjonijiet u jsir titjib;

135. Jinnota li l-Parlament sistematikament irrifjuta t-talbiet tal-OLAF biex iwettaq spezzjonijiet tal-uffiċċji tal-Membri tal-PE u jaċċessa s-servers u l-apparati elettroniċi tagħhom; jenfasizza li l-Membri huma protetti min-nuqqas ta' responsabbiltà għall-voti mitfugħa u l-opinjonijiet espressi fil-qadi ta' dmirijiethom u l-protezzjoni mill-prosekuzzjonijiet u r-restrizzjonijiet tal-libertà personali tagħhom matul is-sessjonijiet tal-Parlament; ifakkar li l-OLAF jista' jidħol biss fl-uffiċċji tal-Membri wara li jingħata aċċess mill-President tal-Parlament wara talba maħruġa minn awtorità responsabbli ta' Stat Membru, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet minn imħallef; ifakkar li l-OLAF jeħtieġ li jirrispetta dawn il-limiti fl-osservanza tad-dmirijiet u l-investigazzjonijiet tiegħu u jisħaq li l-allegata mġiba ħażina ma tistax tintuża bħala skuża biex jintalab aċċess dirett;

136. Jiddispjaċih li, minkejja li fl-aħħar tnax-il sena ġew irreġistrati mill-inqas 25 każ ta' ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta mill-Membri, il-Presidenti tal-Parlament qatt ma imponew sanzjoni finanzjarja fuq xi Membru; jistieden lill-President tikkunsidra li timponi sanzjonijiet finanzjarji meta jkun ġie ppruvat li l-Membri jkunu kisru l-Kodiċi ta' Kondotta biex tiżgura li s-sanzjonijiet fil-fatt ikollhom effett ta' deterrent;

137. Jinnota li fis-sena 2022, l-ammont ta' EUR 261 891 ġie rkuprat mill-Parlament Ewropew minn Membri individwali tal-PE fuq il-linja baġitarja 3 3 0 0 "Ħlas lura ta' ammonti li ma kellhomx jitħallsu"; jinnota li parti kbira minn dan l-ammont mhijiex relatata mal-allowance għall-assistenza parlamentari; jinnota li b'mod ġenerali, l-ammonti rkuprati fuq il-linja baġitarja 3 3 0 0 tad-dħul (minn Membri individwali tal-PE iżda wkoll minn fondazzjonijiet/partiti/gruppi politiċi partijiet terzi, persunal, individwi oħra, eċċ.) fil-biċċa l-kbira jirrappreżentaw irkupri tekniċi bħar-regolarizzazzjoni tal-ammonti minfuqa relatati ma' kuntratti li evolvew jew ġew itterminati u għal maġġoranza kbira ma jikkonċernawx l-APAs; josserva li dawn l-ammonti jinkludu wkoll każijiet relatati mar-rimborżi volontarji minn għadd limitat ta' Membri tal-PE u l-każ speċifiku ta' korrezzjonijiet, li kienu dovuti jew għal żbalji amministrattivi fil-kalkoli tal-PE jew minħabba bidla retroattiva tar-regoli f'xi Stati Membri u tpaċija; jinnota li l-bidliet f'termini ta' kuntratti u l-irkupri potenzjali relatati wara adattamenti validati tat-termini tal-kuntratt jaqgħu wkoll taħt din il-kategorija;

Direttorat Ġenerali għall-Innovazzjoni u s-Sostenn Teknoloġiku

138. Ifakkar li d-Direttorat Ġenerali għall-Innovazzjoni u s-Sostenn Teknoloġiku (DĠ ITEC) jipprovdi lill-Parlament servizzi u tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), servizzi ta' vidjokonferenzi u ta' multimedia kif ukoll servizzi ta' pubblikazzjoni u ta' stampar; jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2022, kien hemm 543 membru tal-persunal, li minnhom 349 kienu uffiċjali, 53 kienu aġenti temporanji u 141 kienu aġenti kuntrattwali;

139. Jinnota li fl-2022 l-approprjazzjonijiet finali tad-DĠ ITEC ammontaw għal EUR 134 808 679, u dan jirrappreżenta 6,2 % tal-baġit tal-Parlament; jenfasizza li, minn dak l-ammont, ġie impenjat total ta' EUR 134 439 573; jilqa' l-użu għoli tal-approprjazzjonijiet;

140. Jilqa' l-fatt li d-DĠ ITEC jissieħeb mad-Direttorati Ġenerali klijenti tiegħu biex jipprovdi ambjent ta' ħidma ċċentrat fuq l-utent, sigur, ibridu u mmexxi mid-data għall-Membri u għall-persunal; jinnota b'sodisfazzjon il-promozzjoni tiegħu tal-varar sostenibbli u responsabbli ta' teknoloġiji innovattivi bħall-intelliġenza artifiċjali u l-analitika tad-data biex jissaħħu l-kapaċitajiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet tas-servizzi tal-Parlament;

141. Ifakkar fil-valur miżjud ta' software b'xejn u b'sors miftuħ fit-titjib tas-sigurtà peress li dan jippermetti lill-Parlament jidentifika u jikkoreġi d-dgħufijiet, iżomm kontroll fuq id-data billi jospita fis-servers tiegħu u jfassal soluzzjonijiet skont l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu stess, filwaqt li jkun jista' jevita effetti ta' intrappolament tal-klijentela; ifakkar li huma biss standards għoljin taċ-ċibersigurtà li għandhom jiggwidaw l-għażla tas-software użat;

142. Jinnota li l-attivitajiet ta' difiża ċibernetika tal-Parlament kienu kkaratterizzati b'mod qawwi minn xenarju ta' theddida ċibernetika u ta' riskju dejjem akbar marbut mal-Parlament u l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji l-oħra tal-Unjoni; jilqa' l-fatt li ntużaw riżorsi addizzjonali mis-CERT-EU biex jiggwidaw lill-Parlament fl-oqsma tal-applikazzjonijiet tal-infrastruttura tal-cloud, intelligence msaħħa dwar it-theddid ċibernetiku u monitoraġġ 24 siegħa kuljum tal-perimetru tas-sigurtà, kif ukoll identifikazzjoni tal-vulnerabbiltà;

143. Jilqa' l-ħolqien tad-Direttorat għaċ-Ċibersigurtà fl-2022, responsabbli għas-sigurtà tal-informazzjoni u magħmul minn tliet unitajiet, li jittrattaw l-operazzjonijiet tas-sigurtà, il-politika tas-sigurtà u r-riskju għas-sigurtà; iħeġġeġ lill-Parlament ikompli bl-isforzi tiegħu u jżid l-investiment tiegħu fiċ-ċibersigurtà; jilqa' l-fatt li d-DĠ ITEC offra l-possibbiltà li jivverifika tagħmir tal-IT għal evidenza ta' spyware bħal PEGASUS u jitlob lid-DĠ ITEC ikompli jaħdem f'dan il-qasam;

144. Jinnota li wara ż-żieda fl-użu ta' apparati portabbli fl-2022, id-DĠ ITEC ħareġ studju globali biex jippjana titjib fin-network tal-Wi-Fi fil-bini tal-Parlament; jinnota li, fl-2022, il-binja SPAAK fi Brussell issaħħet bil-varar ta' 351 antenna addizzjonali; jirrikonoxxi l-isforzi li saru biex jittejjeb in-network tal-Wi-Fi fil-bini tal-Parlament; jappella għal aktar titjib tan-network mobbli fil-bini tal-Parlament fi Strażburgu sabiex tittejjeb ir-riċezzjoni tal-mobiles;

145. Jenfasizza li l-inflazzjoni dinjija flimkien ma' kwistjonijiet tal-katina tal-provvista qed jikkawżaw żidiet fl-ispejjeż f'oqsma mill-hardware sas-servizzi professjonali; jilqa' l-fatt li d-DĠ ITEC irreveda l-prijoritajiet tal-investimenti attwali fl-IT; jilqa' ċ-ċiklu ġdid u aktar mgħaġġel ta' governanza tal-IT bħala parti mill-programm Agile IT tad-DĠ ITEC;

146. Jinnota li l-pandemija tal-COVID-19 kienet katalizzatur għall-aċċelerazzjoni rapida tat-trasformazzjoni diġitali tal-Parlament f'dawn l-aħħar ftit snin; jenfasizza t-tranżizzjoni lejn Parlament ibridu b'arranġamenti ta' ħidma kompletament flessibbli mill-preżenza fiżika għal ambjent ta' ħidma kompletament diġitali; jilqa' r-reżiljenza murija mill-Parlament fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-fatt li r-rispons tiegħu kien rapidu u flessibbli u bbenefika minn investimenti preċedenti fid-diġitalizzazzjoni;

147. Ifakkar fit-talba li ilha żmien tal-komunità tal-persuni torox għall-possibbiltà li jitressqu petizzjonijiet bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali użati fl-Unjoni; jinnota d-diskussjonijiet li saru matul il-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tad-29 ta' Novembru 2023 u tad-19 ta' Marzu 2024, li jindirizzaw speċifikament il-Petizzjoni 1056/2016, u jissottolinja l-impenn tal-Parlament li jtejjeb l-aċċessibbiltà għaċ-ċittadini Ewropej kollha; ifakkar li r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jirrikjedu li l-petizzjonijiet jitressqu bil-miktub; jistieden lill-amministrazzjoni tal-Parlament timplimenta l-bidliet meħtieġa fil-Portal tal-Petizzjonijiet sabiex il-petizzjonanti jkunu jistgħu jsostnu l-petizzjoni bil-miktub tagħhom bi traduzzjoni rreġistrata bil-vidjo bil-lingwa tas-sinjali; iħeġġeġ lill-amministrazzjoni tistieden lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi rappreżentanti mill-komunità tal-persuni torox, sabiex dawn jipprovdu kontribut u feedback matul il-proċess ta' implimentazzjoni biex jiġi żgurati l-effettività u l-inklużività tal-miżuri proposti;

148. Jilqa' l-fatt li l-Portal tal-Firma Diġitali (DiSP) jippermetti lill-Membri jiffirmaw id-dokumenti b'mod diġitali, u dan itejjeb l-effiċjenza, it-traċċabbiltà u t-trasparenza għall-proċeduri, u jinnota li, irrispettivament mill-possibbiltà li jintbagħtu emendi tal-plenarja ffirmati lis-servizzi plenarji bl-email jew permezz tal-portal EP Transfer, l-iffirmar tal-emendi tal-plenarja għadu proċedura skaduta u oneruża; jistieden lill-Bureau jieħu l-passi meħtieġa biex jintroduċi l-possibbiltà li l-Membri jiffirmaw l-emendi tal-plenarja b'mod diġitali fil-futur;

Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni

149. Ifakkar li d-Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni (DĠ SAFE) ifittex li jantiċipa, jipprevjeni u jimmitiga r-riskji u t-theddid għas-sigurtà fil-konfront tal-Parlament u tal-Membri u tal-persunal tiegħu billi juża approċċ ibbażat fuq ir-riskju li jqis kif xieraq in-natura demokratika tal-istituzzjoni u l-valuri li jħaddan, b'mod partikolari l-ftuħ u t-trasparenza; jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2022, kien hemm 882 membru tal-persunal, li minnhom 170 kienu uffiċjali, 22 kienu aġenti temporanji u 690 kienu aġenti kuntrattwali;

150. Jinnota li l-approprjazzjonijiet finali tad-DĠ SAFE ammontaw għal EUR 29 507 334 fl-2022, li jirrappreżentaw 1,4 % tal-baġit tal-Parlament; jenfasizza li, minn dak l-ammont, ġie impenjat total ta' EUR 28 370 796; jilqa' l-użu għoli tal-approprjazzjonijiet;

151. Jilqa' l-internalizzazzjoni tas-servizzi ta' sigurtà ġenerali fil-Lussemburgu li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022; jikkonferma d-diffikultà biex jiġi attirat u rreklutat persunal speċjalizzat mill-Istati Membri kollha fil-qasam tas-sigurtà bil-kundizzjonijiet offruti fil-grupp ta' funzjoni I; ifakkar fis-sitwazzjoni partikolari ġewwa l-Lussemburgu, fejn is-salarju offrut f'dan il-grupp ta' funzjoni huwa aktar baxx mill-paga minima interprofessjonali nazzjonali, u dan iġiegħel lill-Parlament jirrikorri għal kumpens soċjali;

152. Jindika ż-żieda fid-domanda għad-DĠ SAFE biex jipprovdi servizzi addizzjonali u eċċezzjonali ta' sigurtà u ta' sikurezza fil-postijiet kollha tax-xogħol għal għadd dejjem akbar ta' avvenimenti fuq skala kbira; jirrikonoxxi l-isfida li dan jirrappreżenta għas-servizzi ta' sigurtà tal-Parlament, li għandhom għadd fiss ta' aġenti, biex jirrispondu b'mod pożittiv għal dawn il-ħtiġijiet dejjem jikbru;

153. Jilqa' l-fatt li l-livell ta' viżitaturi mar lura għan-normal wara l-illaxkar tar-restrizzjonijiet relatati mal-COVID fl-2022; jinsab imħasseb dwar il-fatt li n-nuqqas ta' spazju fi Brussell biex jilqa' u jakkredita l-parteċipanti fl-avvenimenti u fil-konferenzi jista' jkun ta' riskju għas-sigurtà tal-Parlament;

154. Jisħaq fuq l-importanza ta' ppjanar bil-quddiem bir-reqqa għal proġetti relatati mal-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew u maċ-Ċentri tal-Europa Experience biex ikunu jistgħu jistmaw b'attenzjoni l-ispejjeż għas-servizzi u għat-tagħmir tas-sigurtà u tas-sikurezza;

Kwistjonijiet orizzontali b'implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2022

Fastidju

155. Jilqa' l-politika ta' tolleranza żero tal-Parlament dwar il-fastidju u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni mwettqa; jisħaq li l-Kodiċi ta' Mġiba Xierqa għall-Membri tal-Parlament Ewropew ifittex li jiżgura li l-Membri jġibu ruħhom ma' kull min jaħdem fil-Parlament b'dinjità, b'korteżija u b'rispett u mingħajr preġudizzju jew diskriminazzjoni; ifakkar li fl-2022, 56 Membru tal-PE ipparteċipaw fis-sessjoni ta' taħriġ; jinnota li, minn Novembru 2018, meta ġew offruti l-ewwel sessjonijiet, total ta' 324 Membru tal-PE attwali ***(46 %)*** kienu pparteċipaw fis-sessjoni ta' taħriġ, flimkien ma' 56 eks Membru li l-mandat tagħhom intemm; jinnota li fl-2022, 106 membri tal-persunal u APAs kienu pparteċipaw f'korsijiet ta' taħriġ kontra l-fastidju; jinnota bi tħassib li għadhom qed iseħħu każijiet ta' fastidju irrispettivament mill-attivitajiet li qed jitwettqu biex jiġi eliminat il-fastidju fil-post tax-xogħol;

156. Ifakkar li fi kwittanzi preċedenti ntalbet l-implimentazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ obbligatorji kontra l-fastidju għall-Membri u l-APAs kollha, kif ukoll għall-persunal, inklużi l-persuni fi rwoli maniġerjali fid-Direttorati Ġenerali u l-gruppi politiċi differenti; jirrikonoxxi li biex jgħin fil-bini ta' ambjent tax-xogħol aħjar fil-Parlament Ewropew u jevita kwalunkwe abbuż ta' poter, fl-10 ta' Lulju 2023, il-Bureau approva wkoll kunċett ta' taħriġ dwar il-ġestjoni b'suċċess tat-tim kif ukoll il-prevenzjoni tal-fastidju; jilqa' l-isforzi tal-Bureau biex is-sessjoni ta' taħriġ kontra l-fastidju ssir obbligatorja għall-Membri kollha kif ukoll għall-Kapijiet tal-Unità, id-Diretturi u d-Diretturi Ġenerali;

157. Jenfasizza li għandu jkun hemm taħriġ obbligatorju kontra l-fastidju għall-Membri, l-APAs u l-membri tal-persunal u li l-membri kollha tal-persunal, inkluż il-persunal mediku bi rwol fil-proċeduri kontra l-fastidju, għandhom ikunu mħarrġa b'mod speċjali għal dawn il-proċeduri;

158. Jenfasizza l-fatt li l-Kumitat Konsultattiv dwar il-Fastidju u l-Prevenzjoni tiegħu fil-Post tax-xogħol irċieva żewġ ilmenti fl-2022, ippreżentati minn żewġ trainees; jinnota li barra minn hekk, membru wieħed tal-persunal ikkuntattja lill-kumitat għall-konsultazzjoni;

159. Jenfasizza li l-Kumitat Konsultattiv li jittratta lmenti ta' fastidju dwar il-Membri għandu mandat biex jeżamina allegazzjonijiet ta' fastidju psikoloġiku jew sesswali kontra Membri mill-kategoriji kollha ta' persunal, inklużi l-APAs, it-trainees, l-esperti nazzjonali sekondati u l-persunal tal-gruppi politiċi; jinnota li bil-għan li jissaħħu aktar il-politiki tal-Parlament kontra l-fastidju, fl-20 ta' Novembru 2023, il-Bureau adotta għadd ta' emendi addizzjonali għar-regoli dwar il-funzjonament tal-kumitat konsultattiv li jittratta lmenti ta' fastidju dwar il-Membri; itenni t-talbiet tiegħu lill-Bureau biex jinkludi esperti indipendenti dwar kwistjonijiet ta' fastidju fiż-żewġ kumitati konsultattivi biex jassistu fil-qadi ta' dmirijiethom;

160. Jisħaq li l-fastidju sesswali u psikoloġiku fl-ebda ċirkostanza mhuma aċċettabbli; ifakkar li l-Parlament installa b'suċċess diversi punti ta' kuntatt biex jittrattaw każijiet ta' fastidju, bħall-Kumitat Konsultattiv li jittratta l-ilmenti ta' fastidju li jikkonċernaw lill-Membri, u l-Kumitat Konsultattiv dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol kif ukoll konsulenti kunfidenzjali; jinsab imħasseb ħafna dwar ir-rivelazzjonijiet mill-media ta' allegat fastidju sesswali minn Membru mis-sajf tal-2022 mingħajr ma kienet ittieħdet azzjoni; ifakkar li l-gruppi politiċi kollha huma mħeġġa bil-qawwa jirrapportaw każijiet potenzjali lil dawn il-kumitati u li l-istabbiliment ta' strutturi esterni bl-istess għan iwassal biex jiġi evitat il-protokoll tal-Parlament kontra l-fastidju u tiġi stabbilita sistema b'żewġ livelli; jissottolinja li dan iwassal għal inċertezza serja għall-vittmi u jistabbilixxi regoli differenti għal partiti politiċi differenti;

161. Jinnota li, fl-2022, 13-il membru tal-persunal (meta mqabbla ma' disgħa fl-2021) fittxew l-assistenza tal-istituzzjoni skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal; jirrimarka li sitta mill-każijiet (meta mqabbla ma' ħamsa fl-2021) kienu relatati ma' allegat fastidju; jenfasizza li l-ebda wieħed mill-membri tal-persunal ikkonċernati ma kien uffiċjali u li s-sitta kollha kienu APAs jew eks APAs;

162. Iqis li għandu jitqies ukoll il-fastidju tal-assistent parlamentari minn assistenti parlamentari oħra jew uffiċjali tal-Parlament;

Informaturi

163. Ifakkar li l-membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom obbligu li jirrapportaw kwalunkwe informazzjoni li tindika korruzzjoni, frodi u irregolaritajiet serji oħra li huma jiskopru fil-qadi ta' dmirijiethom; jinnota li l-Parlament irreġistra każ wieħed ta' żvelar ta' informazzjoni protetta fl-2022; jilqa' l-ħidma kontinwa fl-2022 biex jiġi aġġornat l-Artikolu 22(c) ta' Implimentazzjoni tar-Regoli Interni tar-Regolamenti tal-Persunal tal-4 ta' Diċembru 2015 b'regoli interni aktar komprensivi u dettaljati; jinnota li deċiżjoni tal-Bureau dwar ir-regoli interni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta ġiet adottata fl-20 ta' Novembru 2023 u se tibda tapplika mill-1 ta' Diċembru 2023; inklużi dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tal-informaturi, it-trażmissjoni ta' evidenza lill-OLAF u, jekk ikun xieraq, lill-UPPE kif ukoll skadenzi għat-trattament tal-ilmenti;

164. Wara l-Avviż tal-Bureau Nru 18/2023 dwar ir-regoli interni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta u l-obbligi imposti fuq l-APAs u l-membri tal-persunal biex jirrapportaw kwalunkwe ksur, huwa imperattiv li s-servizzi kollha fil-Parlament ikunu obbligati wkoll jirrapportaw kwalunkwe informazzjoni li jkollhom dwar frodi, ksur tar-regoli finanzjarji, jew kwalunkwe kondotta li tikser il-kodiċi tal-etika tal-Parlament. Dan l-obbligu japplika għal din l-informazzjoni kollha, irrispettivament mill-kunfidenzjalità tagħha, u għandha tiġi rrappurtata lis-servizz rilevanti fi ħdan il-Parlament;

Fond ta' Pensjoni Volontarja (VPF)

165. Jinnota li d-defiċit attwarju tal-Fond ta' Pensjoni Volontarja (VPF) fil-31 ta' Diċembru 2021 kien jammonta għal EUR 379 miljun (meta mqabbel ma' EUR 371,4 miljun fil-31 ta' Diċembru 2020); jilqa' l-emendi li saru mill-Bureau tal-Parlament għall-Artikolu 76 tal-IMMS fir-rigward tal-Iskema ta' Pensjoni Addizzjonali (Volontarja), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2023, li għandha l-għan li tnaqqas l-obbligi futuri tal-pensjonijiet minn EUR 362,7 miljun għal madwar EUR 139 miljun, u d-defiċit attwarju tal-fond minn EUR 310 miljun għal madwar EUR 86 miljun;

166. Jilqa' l-aħħar deċiżjonijiet meħuda mill-Bureau; ifakkar li l-problema xorta trid tiġi indirizzata fil-futur peress li l-fond mistenni jeżawrixxi l-assi tiegħu sa mhux aktar tard mill-2027; jirrikonoxxi li l-Parlament mhuwiex involut fil-ġestjoni tal-portafoll ta' investiment tal-VPF; iżda jistieden lill-maniġer tal-Fond iwettaq valutazzjoni xierqa tar-riskju potenzjali għar-reputazzjoni tal-investimenti tiegħu; jinnota li l-valutazzjoni legali tal-aħħar sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-konsegwenzi tagħhom għal deċiżjonijiet futuri tal-Bureau saru disponibbli wkoll għall-Membri tal-Bureau sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata; jinnota li għadhom għaddejjin appelli fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-kwistjoni se jkollha terġa' tiġi indirizzata wara li jingħataw is-sentenzi;

167. Jitlob lill-amministrazzjoni u lill-Bureau jindirizzaw il-kwistjoni għal darb'oħra biss wara li titwettaq il-valutazzjoni legali tal-QĠUE sabiex jiġi kkunsidrat il-futur tal-VPF;

Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija

168. Ifakkar li r-Regolament Finanzjarju jispeċifika l-informazzjoni li trid tiġi fornuta lill-awtorità baġitarja kif ukoll lill-pubbliku dwar l-għoti ta' kuntratti mill-Parlament; jinnota li r-Regolament Finanzjarju jirrikjedi l-pubblikazzjoni tal-kuntratti mogħtija ta' valur ogħla minn EUR 15 000, valur li jikkorrispondi għal-limitu minimu li jekk jinqabeż jiskatta l-obbligu tal-proċedura kompetittiva ta' offerti; jinnota li, minn total ta' 194 kuntratt mogħtija fl-2022, 63 kienu bbażati fuq proċedura miftuħa, b'valur ta' EUR 359,3 miljun, u wieħed fuq proċedura ristretta, b'valur ta' EUR 460 000; jinnota li kien hemm 126 kuntratt mogħtija bi proċeduri nnegozjati, b'valur ta' EUR 48 miljun;

169. Jinnota li l-ammont totali ta' kuntratti mogħtija naqas fl-2022 (194) meta mqabbel mal-2021 (221); jinnota t-tnaqqis sostanzjali tal-ammonti kuntrattati, li fl-2022 laħqu EUR 410 miljun, meta mqabbla ma' EUR 1 016-il miljun fl-2021;

170. Jinnota li l-kuntratti mogħtija fl-2022 u fl-2021 jistgħu jinqasmu kif ġej skont it-tip, inklużi l-kuntratti ta' bini:

Tip ta' kuntratt	2021		2022	
	Numru	Perċentwal (%)	Numru	Perċentwal (%)
Binjiet	8	3,6	2	1
Servizzi	176	79,6	169	87
Provvisti	27	12,2	17	9
Xogħlijiet	10	4,5	6	3
Total	**221**	**100**	**194**	**100**

Tip ta' kuntratt	2021		2022	
	Ammont	Perċentwal (%)	Ammont	Perċentwal (%)
Binjiet	168 302 638	17	27 804 776	7
Servizzi	634 689 038	62	283 779 269	69
Provvisti	136 777 513	13	47 817 885	12
Xogħlijiet	76 247 759	8	50 642 975	12
Total	**1 016 016 948**	**100**	**410 044 905**	**100**

171. Jinnota t-tqassim tal-kuntratti mogħtija fl-2022 u fl-2021 skont it-tip ta' proċedura użata kif ġej, f'termini ta' għadd u ta' valur:

Tip ta' proċedura	2021		2022	
	Numru	Perċentwal (%)	Numru	Perċentwal (%)
Proċedura Miftuħa	78	35	63	32,5
Proċedura Nnegozjata	135	61	126	65
Proċedura Ristretta	2	1	1	0,5
Eċċezzjoni	2	1	1	0,5
Lista CEI	2	1	1	0,5
Sistema dinamika ta' xiri	1	0,5	0	0
Sħubija għall-Innovazzjoni	0	0	0	0
OP Aċċellerat	1	0,5	1	0,5
Kompetizzjonijiet dwar id-Disinn	0	0	1	0,5
Total	**221**	**100**	**194**	**100**

Gruppi politiċi (linja baġitarja 4 0 0)

172. Jinnota li, fl-2022, l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-linja baġitarja 4 0 0, attribwita lill-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati, intużaw kif ġej ([8]):

Grupp	2022					2021				
	Approprjaz-zjonijiet annwali	Riżorsi proprji u approprjaz-zjonijiet riportati	Nefqa	Rata ta' utilizzazzjoni tal-approprjaz-zjonijiet annwali (%)	Ammonti riportati għall-perjodu li jmiss	Approprjaz-zjonijiet annwali	Riżorsi proprji u approprjaz-zjonijiet riportati	Nefqa	Rata ta' utilizzazzjoni tal-approprjaz-zjonijiet annwali (%)	Ammonti riportati għall-perjodu li jmiss
Grupp tal-Partit Popolari Ewropew (PPE)	16 739	12 640	18 651	111,42	10 729	16 750	10 229	13 646	81,47	12 562
Alleanza Progressiva tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi (S&D)	13 804	10 258	15 016	108,78	9 046	13 584	9 829	12 295	90,51	10 188
Renew Europe (dik li kienet l-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa (ALDE))	9 799	6 950	11 384	116,18	5 365	9 192	6 948	6 997	76,12	6 894
Grupp tal-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea (Verts/ALE)	6 941	5 196	7 964	114,74	4 173	6 927	4 891	6 126	88,43	5 196
Grupp Identità u Demokrazija (ID)	6 348	5 157	6 958	109,61	4 547	6 874	4 762	5 940	86,42	5 155
Grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej (ECR)	6 184	3 847	6 960	112,55	3 071	6 005	3 982	6 269	104,39	3 718
The Left - Xellug Magħqud Ewropew/Xellug Aħdar Nordiku (GUE/NGL)	3 858	2 036	4 498	116,59	1 396	3 806	2 266	4 036	106,05	2 036
Membri mhux affiljati	2 326	861	994	42,72	1 520	1 862	1 041	595	31,94	861
Total	**66 000**	**46 945**	**72 426**	**109,74**	**39 846**	**65 000**	**43 948**	**55 904**	**86,01**	**46 611**

([8]) L-ammonti kollha f'eluf ta' EUR.

173. Jilqa' l-fatt li awdituri esterni indipendenti għall-gruppi politiċi ħarġu biss opinjonijiet mhux kwalifikati għas-sena finanzjarja 2022;

174. Ifakkar li dawn l-approprjazzjonijiet huma maħsuba biex ikopru attivitajiet b'rabta mal-attivitajiet politiċi tal-Unjoni, u li l-gruppi politiċi huma responsabbli lejn il-Parlament għall-użu tagħhom;

Partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej

175. Jinnota li, fl-2022, l-Awtorità tat lill-partiti politiċi Ewropej u lill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej id-dritt li jinstemgħu kif ukoll l-opportunità għal miżuri korrettivi f'disa' każijiet; jinnota wkoll li dawn kienu każijiet relatati mar-rekwiżiti ta' rapportar, mar-regoli li jikkonċernaw id-dħul u l-attivitajiet konġunti; jenfasizza li l-iskrutinju bikri tal-Awtorità jindika li l-miżuri korrettivi rilevanti immedjatament ġew implimentati mill-partiti politiċi u mill-fondazzjonijiet Ewropej ikkonċernati f'dawn il-każijiet kollha; jinnota li l-Awtorità se tkompli timmonitorja li l-miżuri korrettivi b'effett fit-tul se jiżguraw konformità sostnuta fl-oqsma kkonċernati; jilqa' l-fatt li ma kellha tiġi adottata l-ebda sanzjoni fl-2022;

176. Jilqa' l-fatt li bi tħejjija għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2024, l-Awtorità qed ittejjeb b'mod attiv in-networks ta' kooperazzjoni billi tesplora aktar sħubijiet fid-difiża tal-integrità demokratika;

177. Jinnota bi tħassib li l-Awtorità tirrapporta li qed tiffaċċja riżorsi umani ristretti; jenfasizza li din il-kwistjoni hija mistennija li ssir aktar urġenti minħabba l-isfidi li qed jevolvu fit-tħejjija għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2024, inkluż, b'mod partikolari, il-ħtieġa li tiġi protetta l-integrità demokratika kontra forom ġodda ta' ndħil barrani, kif ukoll l-implimentazzjoni amministrattiva meħtieġa ta' kwalunkwe kompitu ġdid li jirriżulta għall-Awtorità min-negozjati li għaddejjin dwar riformulazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014;

178. Ifakkar fir-rwol ewlieni ta' demokrazija Ewropea vivaċi u reżiljenti sostnuta mill-pluraliżmu tal-partiti politiċi fil-livell tal-Unjoni; jenfasizza għalhekk li għandhom jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, u l-konformità għandha tiġi kkontrollata b'rispett sħiħ għad-drittijiet proċedurali; jilqa', f'dan ir-rigward, il-ħidma essenzjali tal-Awtorità, li b'mod indipendenti u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament tiżgura l-konformità tal-partiti politiċi u tal-fondazzjonijiet Ewropej mal-qafas legali, tipprovdi trasparenza liċ-ċittadini, u tikkontribwixxi għall-integrità tal-elezzjonijiet tal-Parlament;

179. Jinnota li, fl-2022, l-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt il-linja baġitarja 4 0 2 intużaw kif ġej ([9]):

Partit (2022)	Taqsira	Riżorsi proprji	Kontribuzzjoni finali tal-PE ([1])	Dħul totali	Kontribuzzjoni tal-PE bħala % tan-nefqa rimborżabbli (massimu 90 %)	Surplus mid-dħul (trasferiment għar-riżerva jew telf)
Partit Popolari Ewropew	PPE	1 655 732	10 720 235	12 375 967	90	448 128
Partit tas-Soċjalisti Ewropej	PSE	1 010 502	7 204 815	8 215 317	90	675 194
Partit tal-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa	ALDE	1 177 316	6 448 482	7 625 798	90	560 139
Partit Ewropew tal-Ħodor	PĦE	661 160	5 384 834	6 045 994	90	846 993
Partit tax-Xellug Ewropew	XE	290 086	2 336 264	2 626 350	90	40 396
Partit Demokratiku Ewropew	PDE	176 754	1 257 070	1 433 824	90	127 134
Alleanza Ħielsa Ewropea	AĦE	112 712	928 957	1 041 669	90	100 217
Partit tal-Konservattivi u Riformisti Ewropej	Partit ECR	515 571	1 958 597	2 474 168	90	—
Moviment Politiku Kristjan Ewropew	MPKE	72 331	615 809	688 140	90	—

([9]) L-ammonti kollha f'eluf ta' EUR.

Partit (2022)	Taqsira	Riżorsi proprji	Kontribuzzjoni finali tal-PE [1]	Dħul totali	Kontribuzzjoni tal-PE bħala % tan-nefqa rimborżabbli (massimu 90 %)	Surplus mid-dħul (trasferiment għar-riżerva jew telf)
Partit Identità u Demokrazija	Partit ID	331 742	618 311	950 053	74	—
Total		**6 003 906**	**37 473 375**	**43 477 281**		**2 798 201**

([1]) Magħmul mit-tieni parti tal-finanzjament finali tal-2021 u l-ewwel parti tal-finanzjament finali tal-2022 skont id-Deċiżjoni tal-Bureau tas-26 ta' Frar 2024.

180. Jinnota li, fl-2022, l-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt il-linja baġitarja 4 0 3 intużaw kif ġej ([10]):

Fondazzjoni (2022)	Taqsira	Affiljata mal-partit	Riżorsi proprji	Għotja finali tal-PE	Dħul totali	Għotja tal-PE bħala % tal-ispejjeż eliġibbli (massimu 95 %)	Surplus mid-dħul (trasferiment għar-riżerva jew telf)
Ċentru għall-Istudji Ewropej Wilfried Martens	ĊSEWM	PPE	643 606	5 963 141	6 606 747	95,00	235 689
Fondazzjoni għal Studji Progressivi Ewropej	FEPS	PSE	613 626	4 959 360	5 572 986	95,00	288 687
Forum Liberali Ewropew	FLE	ALDE	306 991	2 636 977	2 943 968	91,06	—
Fondazzjoni Ħadra Ewropea	FĦE	PĦE	182 933	2 088 792	2 271 726	95,00	—
Inbiddlu l-Ewropa	IE	XE	77 965	1 191 366	1 269 331	95,00	3 696
Istitut tad-Demokratiċi Ewropej	IDE	PDE	42 791	502 109	544 899	95,00	—
Fondazzjoni Coppieters	Coppieters	AĦE	77 009	561 149	638 158	95,00	23 981
Direzzjoni Ġdida - Fondazzjoni għar-Riforma Ewropea	DĠ	Partit ECR	384 557	2 052 425	2 436 982	92,97	—
Sallux	SALLUX	MPKE	21 233	401 927	423 160	94,98	—
Fondazzjoni tal-Assoċjazzjoni għall-Identità u d-Demokrazija	Fondazzjoni ID	Partit ID	46 893	577 027	623 920	95,00	—
Total			**2 397 604**	**20 934 273**	**23 331 877**		**552 053**

([10]) L-ammonti kollha f'eluf ta' EUR.